Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2025/2080(INL)

1.9.2025

EMENDI
1 - 257

Abbozz ta' rapport
Andrzej Buła
(PE774.283v02-00)

Id-diġitalizzazzjoni, l-intelliġenza artifiċjali u l-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol – tiswir tal-futur tax-xogħol
(2025/2080(INL))

Emenda 1
Liesbet Sommen, Andrzej Buła

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Artikoli 153 u 16 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Or. en

Emenda 2
Liesbet Sommen, Andrzej Buła

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 3a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 7 dwar ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, l-Artikolu 8 dwar il-protezzjoni tad-data personali u l-Artikolu 31 dwar kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u xierqa,

Or. en

Emenda 3
Marlena Maląg

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 6a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol[1a],

[1a] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex%3A32003L0088

Or. pl

Emenda 4
Liesbet Sommen, Andrzej Buła

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 7a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2019/1158 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE,

Or. en

Emenda 5
Liesbet Sommen, Andrzej Buła

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 7b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol,

Or. en

Emenda 6
Henrik Dahl, Andrea Wechsler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2024/2831 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi[4] ,	***imħassar***
[4] Id-Direttiva (UE) 2024/2831 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2024 dwar it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) (ĠU L, 2024/2831, 11.11.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/2831/oj) **.**	

Or. en

Emenda 7
Henrik Dahl, Andrea Wechsler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Marzu 2025 dwar l-aspetti soċjali u relatati mal-impjiegi tal-proċessi ta' ristrutturar: il-ħtieġa li jiġu protetti l-impjiegi u d-drittijiet tal-ħaddiem (2024/2829(RSP)),	***imħassar***

Or. en

Emenda 8
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 13a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Ftehim Qafas tas-Sħab Soċjali Ewropej dwar id-Diġitalizzazzjoni (Ġunju 2020),

Or. en

Emenda 9
Liesbet Sommen, Andrzej Buła

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 14a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tas-7 ta' Ġunju 2023, dwar approċċ komprensiv lejn is-saħħa mentali (COM/2023/298 final),

Or. en

Emenda 10
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-rapporti ***Draghi u Letta***,	– wara li kkunsidra r-rapporti ***ta' Settembru 2024 ta' Mario Draghi bit-titolu "The future of European competitiveness" (Il-futur tal-kompetittività Ewropea) (ir-rapport***

Draghi) u ta' April 2024 ta' Enrico Letta bit-titolu "Much more than a market" (Ħafna aktar milli suq) (ir-rapport ta' Letta),

Or. en

Emenda 11
Henrik Dahl, Andrea Wechsler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 16a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Frar 2025 "Nimxu 'l quddiem flimkien: Unjoni aktar kuraġġuża, sempliċi u rapida", li tikkonferma l-mira li jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi b'25 % għall-kumpaniji u 35 % għall-SMEs,

Or. en

Emenda 12
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 16a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport tal-OECD "Algorithmic management in the workplace: New evidence from an OECD employer survey" (Ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol: evidenza ġdida minn stħarriġ tal-OECD dwar l-impjegaturi), Dokumenti tal-OECD dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, Nru 31,

Or. en

Emenda 13
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra l-Valutazzjoni tal-Valur Miżjud Ewropew ta' xxx 2025 [għad irid jiġi ppublikat], bit-titolu "Id-diġitalizzazzjoni, l-intelliġenza artifiċjali u l-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol – tiswir tal-futur tax-xogħol",	– wara li kkunsidra l-Valutazzjoni tal-Valur Miżjud Ewropew ***tas-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew*** ta' xxx 2025 [għad irid jiġi ppublikat], bit-titolu "Id-diġitalizzazzjoni, l-intelliġenza artifiċjali u l-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol – tiswir tal-futur tax-xogħol",

Or. en

Emenda 14
Henrik Dahl, Arba Kokalari, Andrea Wechsler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 17a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Jannar 2025 "Boxxla għall-Kompetittività tal-UE" (COM(2025) 30 final),

Or. en

Emenda 15
Henrik Dahl, Arba Kokalari, Andrea Wechsler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 18a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' April 2025 "Pjan ta' Azzjoni għal Kontinent tal-IA" (COM(2025) 165 final),

Or. en

Emenda 16
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 20a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-Direttiva 2000/78/KE tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol,

Or. en

Emenda 17
Leila Chaibi, Anthony Smith, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi t-tranżizzjoni diġitali, xprunata mid-diġitalizzazzjoni, l-awtomatizzazzjoni u l-intelliġenza artifiċjali (IA), qed issawwar mill-ġdid b'mod profond is-swieq tax-xogħol, qed twassal għall-għajbien ta' xi impjiegi u l-ħolqien ta' oħrajn ġodda, u qed tbiddel in-natura tal-kompiti f'dawk eżistenti, u għalhekk teħtieġ adattament kontinwu min-negozji u	A. billi t-tranżizzjoni diġitali, xprunata mid-diġitalizzazzjoni, l-awtomatizzazzjoni u l-intelliġenza artifiċjali (IA), qed issawwar mill-ġdid b'mod profond is-swieq tax-xogħol, qed twassal għall-għajbien ta' xi impjiegi***, inkluż f'ħafna setturi li għalihom l-impatt tagħha għad irid jiġi skopert minħabba l-perkors evoluzzjonarju mhux magħruf u***

l-ħaddiema;	***possibbilment perikoluż tal-IA,*** u l-ħolqien ta' oħrajn ġodda***, li jwasslu għal sfidi ġodda għar-rispett tad-drittijiet tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol***, u qed tbiddel in-natura tal-kompiti f'dawk eżistenti, u għalhekk teħtieġ ***rispons qawwi mill-awtoritajiet pubbliċi biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi ġodda u*** adattament kontinwu min-negozji u l-ħaddiema;

Or. en

Emenda 18
Arba Kokalari, Jörgen Warborn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi t-tranżizzjoni diġitali, xprunata mid-diġitalizzazzjoni, l-awtomatizzazzjoni u l-intelliġenza artifiċjali (IA), qed issawwar mill-ġdid b'mod profond is-swieq tax-xogħol***, qed twassal għall-għajbien ta' xi impjiegi u l-ħolqien ta' oħrajn ġodda, u qed tbiddel in-natura tal-kompiti f'dawk*** eżistenti***, u għalhekk teħtieġ*** adattament kontinwu min-negozji u l-ħaddiema;	A. billi t-tranżizzjoni diġitali, xprunata mid-diġitalizzazzjoni, l-awtomatizzazzjoni u l-intelliġenza artifiċjali (IA), qed issawwar mill-ġdid b'mod profond is-swieq tax-xogħol***; billi, minħabba li ċerti kompiti se jkunu awtomatizzati, se jsir dejjem aktar importanti li jiġu permessi professjonijiet ġodda, jiġu żviluppati kompiti ta' xogħol u jiġġeddu l-impjiegi*** eżistenti ***permezz ta' teknoloġija ġdida sabiex tissaħħaħ il-kompetittività u jitrawwem it-tkabbir ekonomiku; billi biex jittieħed vantaġġ minn dawn it-teknoloġiji l-ġodda jirrikjedi*** adattament kontinwu min-negozji u l-ħaddiema;

Or. en

Emenda 19
Henrik Dahl, Andrea Wechsler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi t-tranżizzjoni diġitali, xprunata mid-diġitalizzazzjoni, l-awtomatizzazzjoni u l-intelliġenza artifiċjali (IA), qed issawwar mill-ġdid b'mod profond is-swieq tax-xogħol, qed twassal għall-għajbien ta' xi impjiegi u l-ħolqien ta' oħrajn ġodda, u qed tbiddel in-natura tal-kompiti f'dawk eżistenti, u għalhekk teħtieġ adattament kontinwu min-negozji u l-ħaddiema;	A. billi t-tranżizzjoni diġitali, xprunata mid-diġitalizzazzjoni, l-awtomatizzazzjoni u l-intelliġenza artifiċjali (IA), qed issawwar mill-ġdid b'mod profond is-swieq tax-xogħol, qed twassal għall-għajbien ta' xi impjiegi u l-ħolqien ta' oħrajn ġodda, u qed tbiddel in-natura tal-kompiti f'dawk eżistenti, u għalhekk teħtieġ adattament kontinwu min-negozji u l-ħaddiema ***biex jiġi żgurat li l-ħaddiema Ewropej ikunu jistgħu jibbenefikaw mit-tkabbir nett stmat ta' 78 miljun impjieg minħabba l-IA (7 % tal-impjiegi totali tal-lum) sal-2030 skont il-Forum Ekonomiku Dinji[1a];***
	[1a] Forum Ekonomiku Dinji, Future of Jobs Report 2025 (Rapport dwar il-Futur tal-Impjiegi 2025), Jannar 2025.
	Or. en

Emenda 20
Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi t-tranżizzjoni diġitali, xprunata mid-diġitalizzazzjoni, l-awtomatizzazzjoni u l-intelliġenza artifiċjali (IA)***,*** qed ***issawwar mill-ġdid*** b'mod profond is-swieq tax-xogħol, qed twassal għall-għajbien ta' xi impjiegi u l-ħolqien ta' ***oħrajn*** ġodda, u ***qed*** tbiddel in-natura tal-kompiti ***f'dawk*** eżistenti, u għalhekk teħtieġ adattament kontinwu min-negozji u l-ħaddiema;	A. billi t-tranżizzjoni diġitali, xprunata mid-diġitalizzazzjoni, l-awtomatizzazzjoni u l-intelliġenza artifiċjali (IA)***,*** qed ***tittrasforma*** b'mod profond is-swieq tax-xogħol***, il-kunċett u n-natura tax-xogħol***, qed twassal għall-għajbien ta' xi impjiegi u l-ħolqien ta' ***tipi*** ġodda ***ta' impjiegi***, ***kemm kunċettwalment kif ukoll fil-kontenut,*** u tbiddel in-natura tal-kompiti ***f'impjiegi*** eżistenti ***l-firxa tal-kontribut tal-bniedem***, ***u*** għalhekk teħtieġ adattament kontinwu min-negozji u l-ħaddiema***, kif ukoll mill-gvernijiet u r-riċerka xjentifika***;

Or. en

Emenda 21
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi t-tranżizzjoni diġitali, xprunata mid-diġitalizzazzjoni, l-awtomatizzazzjoni u l-intelliġenza artifiċjali (IA), ***qed issawwar*** mill-ġdid b'mod profond is-swieq tax-xogħol, qed twassal għall-għajbien ta' xi impjiegi u l-ħolqien ta' oħrajn ġodda, u qed tbiddel in-natura tal-kompiti f'dawk eżistenti, u għalhekk teħtieġ adattament kontinwu min-negozji u l-ħaddiema;	A. billi t-tranżizzjoni diġitali, xprunata mid-diġitalizzazzjoni, l-awtomatizzazzjoni u l-intelliġenza artifiċjali (IA), ***għandha l-potenzjal li ssawwar*** mill-ġdid b'mod profond is-swieq tax-xogħol, qed twassal għall-għajbien ***jew it-trasformazzjoni*** ta' xi impjiegi u l-ħolqien ta' oħrajn ġodda, u qed tbiddel in-natura tal-kompiti f'dawk eżistenti, u għalhekk teħtieġ adattament kontinwu min-negozji u l-ħaddiema ***kemm fir-rigward tal-ħiliet, tat-taħriġ kif ukoll tal-kundizzjonijiet tax-xogħol meħtieġa***;

Or. en

Emenda 22
Miriam Lexmann, Andrea Wechsler, Christian Ehler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi t-tranżizzjoni diġitali, xprunata mid-diġitalizzazzjoni, l-awtomatizzazzjoni u l-intelliġenza artifiċjali (IA), qed issawwar mill-ġdid b'mod profond is-swieq tax-xogħol, qed twassal għall-għajbien ta' xi impjiegi u l-ħolqien ta' oħrajn ġodda, u qed tbiddel in-natura tal-kompiti f'dawk eżistenti, u għalhekk teħtieġ adattament kontinwu min-negozji u l-ħaddiema;	A. billi t-tranżizzjoni diġitali, xprunata mid-diġitalizzazzjoni, l-awtomatizzazzjoni u l-intelliġenza artifiċjali (IA), qed issawwar mill-ġdid b'mod profond is-swieq tax-xogħol, qed twassal għall-għajbien ta' xi impjiegi u l-ħolqien ta' oħrajn ġodda, u qed tbiddel in-natura tal-kompiti f'dawk eżistenti, u għalhekk teħtieġ adattament kontinwu min-negozji u l-ħaddiema ***kif ukoll adattament tal-politiki tal-edukazzjoni***;

Or. en

Emenda 23
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi t-tranżizzjoni diġitali, xprunata mid-diġitalizzazzjoni, l-awtomatizzazzjoni u l-intelliġenza artifiċjali (IA), qed issawwar mill-ġdid b'mod profond is-swieq tax-xogħol, qed twassal għall-għajbien ta' xi impjiegi u l-ħolqien ta' oħrajn ġodda, u qed tbiddel in-natura tal-kompiti f'dawk eżistenti, u għalhekk ***tehtieġ adattament kontinwu min-negozji u l-ħaddiema***;	A. billi t-tranżizzjoni diġitali, xprunata mid-diġitalizzazzjoni, l-awtomatizzazzjoni u l-intelliġenza artifiċjali (IA), qed issawwar mill-ġdid b'mod profond is-swieq tax-xogħol, qed twassal għall-għajbien ta' xi impjiegi u ***professjonijiet u*** l-ħolqien ta' oħrajn ġodda, u qed tbiddel in-natura tal-kompiti f'dawk eżistenti, u għalhekk ***qed tbiddel b'mod profond in-natura tax-xogħol***;

Or. en

Emenda 24
Henrik Dahl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi ***t-tranżizzjoni diġitali fuq il-post tax-xogħol għandha titmexxa b'mod li jsaħħaħ il-produttività,*** l-innovazzjoni, ***u l-kompetittività tal-ekonomija Ewropea u tas-suq komuni***; billi ***din it-tranżizzjoni trid fl-istess ħin tirrispetta l-prinċipji tal-progress soċjali, filwaqt li tiżgura li tikkontribwixxi għal kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar, impjiegi ta' kwalità, u l-benesseri tal-ħaddiema kollha***;	B. billi ***n-nuqqas ta' varar ta' sistemi tal-IA biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-UE se jkun ta' detriment għat-tkabbir, l-investiment u*** l-innovazzjoni ***futuri, peress li t-tkabbir tal-produttività aktar dgħajjef fl-Ewropa meta mqabbel mal-Istati Uniti huwa prinċipalment dovut għal vantaġġ kompetittiv ċar u aktar investiment fl-ICT***; billi ***huwa importanti li tinżamm bażi f'oqsma fejn hija meħtieġa sovranità teknoloġika, biex tingħata spinta lill-prestazzjoni f'oqsma kontigwi bħall-***

farmaċewtika, l-enerġija, il-materjali u d-difiża; u billi l-IA – b'mod partikolari l-IA ġenerattiva – għadha teknoloġija li qed tevolvi u bħala tali l-kumpaniji tal-UE għad għandhom opportunità li jieħdu pożizzjoni ta' tmexxija f'xi segmenti;[1a]

[1a] Rapport ta' Mario Draghi bit-titolu "The future of European competitiveness" (Il-futur tal-kompetittività Ewropea) (Settembru 2024), Parti A "A competitiveness strategy for Europe" (Strateġija ta' kompetittività għall-Ewropa).

Or. en

Emenda 25
Andrea Wechsler, Angelika Winzig, Letizia Moratti, Giusi Princi, Raúl de la Hoz Quintano, Miriam Lexmann, Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi t-tranżizzjoni diġitali fuq il-post tax-xogħol għandha titmexxa b'mod li jsaħħaħ il-produttività, l-innovazzjoni, u l-kompetittività tal-ekonomija Ewropea u tas-suq komuni; billi din it-tranżizzjoni trid fl-istess ħin tirrispetta l-prinċipji tal-progress soċjali, filwaqt li tiżgura li tikkontribwixxi għal kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar, impjiegi ta' kwalità, u l-benesseri tal-ħaddiema kollha;	B. ***billi 64 % tal-SMEs fis-Suq Uniku Ewropew iqisu l-ostakli regolatorji jew il-pożijiet amministrattivi bħala l-akbar problema fil-preżent;[1a]*** billi t-tranżizzjoni diġitali fuq il-post tax-xogħol għandha titmexxa b'mod li jsaħħaħ il-produttività, l-innovazzjoni, u l-kompetittività tal-ekonomija Ewropea u tas-suq komuni; billi din it-tranżizzjoni trid fl-istess ħin tirrispetta l-prinċipji tal-progress soċjali, filwaqt li tiżgura li tikkontribwixxi għal kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar, impjiegi ta' kwalità, u l-benesseri tal-ħaddiema kollha;

[1a] https://europa.eu/eurobarometer/surveys/detail/3359

Or. en

Emenda 26
Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi t-tranżizzjoni diġitali fuq il-post tax-xogħol għandha titmexxa b'mod li jsaħħaħ il-produttività, l-innovazzjoni, u l-kompetittività tal-ekonomija Ewropea u tas-suq komuni; billi din it-tranżizzjoni trid fl-istess ħin tirrispetta l-prinċipji ***tal-progress*** soċjali, filwaqt li tiżgura li tikkontribwixxi għal kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar, impjiegi ta' kwalità, u l-benesseri tal-ħaddiema kollha;	B. billi t-tranżizzjoni diġitali fuq il-post tax-xogħol għandha titmexxa b'mod li jsaħħaħ il-produttività, l-innovazzjoni, ***l-aċċess għal aktar enerġija u enerġija orħos*** u l-kompetittività tal-ekonomija Ewropea u tas-suq komuni ***kif ukoll il-libertà tar-riċerka u tad-djalogi akkademiċi***; billi din it-tranżizzjoni trid fl-istess ħin tirrispetta l-prinċipji ***tal-iżvilupp*** soċjali, filwaqt li tiżgura li tikkontribwixxi għal kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar, impjiegi ta' kwalità, u l-benesseri tal-ħaddiema kollha;

Or. en

Emenda 27
Miriam Lexmann, Christian Ehler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi t-tranżizzjoni diġitali fuq il-post tax-xogħol għandha titmexxa b'mod li ***jsaħħaħ*** il-produttività, l-innovazzjoni, u l-kompetittività tal-ekonomija Ewropea u tas-suq komuni; billi din it-tranżizzjoni trid fl-istess ħin tirrispetta l-prinċipji tal-progress soċjali, filwaqt li tiżgura li tikkontribwixxi għal kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar, impjiegi ta' kwalità, u l-benesseri tal-ħaddiema kollha;	B. billi t-tranżizzjoni diġitali fuq il-post tax-xogħol għandha ***tkun xprunata mill-prinċipju ta' etika prestabbilita u*** titmexxa b'mod li ***jipproteġi u jippromwovi d-dinjità tal-bniedem, isaħħaħ*** il-produttività, l-innovazzjoni, u l-kompetittività tal-ekonomija Ewropea u tas-suq komuni; billi din it-tranżizzjoni trid fl-istess ħin tirrispetta l-prinċipji tal-progress soċjali, filwaqt li tiżgura li tikkontribwixxi għal kundizzjonijiet tax-

xogħol aħjar, impjiegi ta' kwalità, u l-benesseri tal-ħaddiema kollha;

Or. en

Emenda 28
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi t-tranżizzjoni diġitali fuq il-post tax-xogħol għandha titmexxa b'mod li jsaħħaħ il-produttività, l-innovazzjoni, u l-kompetittività tal-ekonomija Ewropea u tas-suq komuni; billi din it-tranżizzjoni trid ***fl-istess ħin*** tirrispetta l-prinċipji tal-progress soċjali, filwaqt li tiżgura li tikkontribwixxi għal kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar, impjiegi ta' kwalità, u l-benesseri tal-ħaddiema kollha;	B. billi t-tranżizzjoni diġitali fuq il-post tax-xogħol għandha titmexxa ***u tiġi rregolata*** b'mod li jsaħħaħ il-produttività***, l-effiċjenza***, l-innovazzjoni, u l-kompetittività tal-ekonomija Ewropea u tas-suq komuni; billi din it-tranżizzjoni trid ***bl-istess mod*** tirrispetta l-prinċipji tal-progress soċjali ***u l-acquis soċjali u tax-xogħol tal-UE***, filwaqt li tiżgura li tikkontribwixxi għal kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar, impjiegi ta' kwalità, u ***l-għoti tas-setgħa u*** l-benesseri tal-ħaddiema kollha;

Or. en

Emenda 29
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi t-tranżizzjoni diġitali fuq il-post tax-xogħol għandha titmexxa b'mod li jsaħħaħ il-produttività, l-innovazzjoni, u l-kompetittività tal-ekonomija Ewropea u tas-suq komuni; billi din it-tranżizzjoni trid fl-istess ħin tirrispetta l-prinċipji tal-	B. billi t-tranżizzjoni diġitali fuq il-post tax-xogħol għandha titmexxa b'mod li jsaħħaħ il-produttività, l-innovazzjoni, u l-kompetittività tal-ekonomija Ewropea u tas-suq komuni; billi din it-tranżizzjoni trid fl-istess ħin ***u b'mod ugwali*** tirrispetta l-

progress soċjali, filwaqt li tiżgura li tikkontribwixxi għal kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar, impjiegi ta' kwalità, u l-benesseri tal-ħaddiema kollha;	prinċipji tal-progress soċjali ***u d-drittijiet tal-ħaddiema***, filwaqt li tiżgura li tikkontribwixxi għal kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar, impjiegi ta' kwalità, u l-benesseri tal-ħaddiema kollha;

Or. en

Emenda 30
Leila Chaibi, Anthony Smith, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi t-tranżizzjoni diġitali fuq il-post tax-xogħol għandha titmexxa b'mod li jsaħħaħ il-produttività, l-innovazzjoni, u l-kompetittività tal-ekonomija Ewropea u tas-suq komuni; billi din it-tranżizzjoni trid fl-istess ħin tirrispetta l-prinċipji tal-progress soċjali, filwaqt li tiżgura li tikkontribwixxi għal kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar, impjiegi ta' kwalità, u l-benesseri tal-ħaddiema kollha;	B. billi t-tranżizzjoni diġitali fuq il-post tax-xogħol għandha titmexxa b'mod li jsaħħaħ il-produttività, l-innovazzjoni, u l-kompetittività tal-ekonomija Ewropea u tas-suq komuni ***b'mod li jibbenefika lil kulħadd***; billi din it-tranżizzjoni trid fl-istess ħin tirrispetta l-prinċipji tal-progress soċjali, filwaqt li tiżgura li tikkontribwixxi għal kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar, impjiegi ta' kwalità, u l-benesseri tal-ħaddiema kollha;

Or. en

Emenda 31
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi t-tranżizzjoni diġitali fuq il-post tax-xogħol għandha ***titmexxa b'mod li jsaħħaħ il-produttività, l-innovazzjoni, u l-kompetittività tal-ekonomija Ewropea u tas-suq komuni; billi din it-tranżizzjoni trid fl-istess ħin*** tirrispetta l-prinċipji tal-	B. billi t-tranżizzjoni diġitali fuq il-post tax-xogħol għandha tirrispetta l-prinċipji tal-progress soċjali, tiżgura li tikkontribwixxi għal kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar, impjiegi ta' kwalità, u l-benesseri tal-ħaddiema kollha***, filwaqt li***

progress soċjali, ***filwaqt li*** tiżgura li tikkontribwixxi għal kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar, impjiegi ta' kwalità, u l-benesseri tal-ħaddiema kollha;	***tappoġġja kundizzjonijiet ekwi fis-suq komuni, l-innovazzjoni u l-kompetittività tan-negozji***;

Or. en

Emenda 32
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi t-tranżizzjoni diġitali fis-suq tax-xogħol qed tixpruna domanda dejjem akbar kemm għall-ħiliet diġitali u tal-IA bażiċi kif ukoll għal dawk ta' livell għoli;	C. billi t-tranżizzjoni diġitali fis-suq tax-xogħol qed tixpruna domanda dejjem akbar kemm għall-ħiliet diġitali u tal-IA bażiċi kif ukoll għal dawk ta' livell għoli; ***billi r-rapport ta' Draghi u Letta t-tnejn jidentifikaw id-diskrepanza fil-ħiliet diġitali bħala ostaklu ewlieni għall-kompetittività tal-Ewropa;***

Or. en

Emenda 33
Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi t-tranżizzjoni diġitali fis-suq tax-xogħol qed tixpruna domanda dejjem akbar kemm għall-ħiliet diġitali u tal-IA bażiċi kif ukoll għal dawk ta' livell għoli;	C. billi t-tranżizzjoni diġitali fis-suq tax-xogħol qed tixpruna domanda dejjem akbar kemm għall-ħiliet diġitali u tal-IA ***kif ukoll personali*** bażiċi kif ukoll għal dawk ta' livell għoli***, speċjalment fil-komunikazzjoni, il-kooperazzjoni, il-koordinazzjoni u s-soluzzjoni tal-problemi***;

Or. en

Emenda 34
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi t-tranżizzjoni diġitali fis-suq tax-xogħol qed tixpruna domanda dejjem akbar kemm għall-ħiliet diġitali u tal-IA bażiċi kif ukoll għal dawk ta' livell għoli;	C. billi t-tranżizzjoni diġitali fis-suq tax-xogħol qed tixpruna domanda dejjem akbar kemm ***għal-litteriżmu u*** għall-ħiliet diġitali u tal-IA bażiċi kif ukoll għal dawk ta' livell għoli;

Or. en

Emenda 35
Henrik Dahl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-integrazzjoni rapida tas-sistemi tal-IA mhijiex akkumpanjata minn taħriġ suffiċjenti, bi 15 % biss tal-ħaddiema pparteċipaw f'taħriġ rilevanti fl-2023 filwaqt li 42 % tal-ħaddiema jirrikonoxxu l-ħtieġa li jtejbu l-ħiliet tagħhom relatati mal-IA u 61 % jipprevedu rekwiżiti ġodda ta' ħiliet fil-ħames snin li ġejjin; billi dawk l-aktar fil-bżonn ta' taħriġ fil-ħiliet diġitali huma dawk l-anqas probabbli li jieħdu sehem fih[7];	D. billi l-integrazzjoni rapida tas-sistemi tal-IA mhijiex akkumpanjata minn taħriġ suffiċjenti, bi 15 % biss tal-ħaddiema pparteċipaw f'taħriġ rilevanti fl-2023 filwaqt li 42 % tal-ħaddiema jirrikonoxxu l-ħtieġa li jtejbu l-ħiliet tagħhom relatati mal-IA u 61 % jipprevedu rekwiżiti ġodda ta' ħiliet fil-ħames snin li ġejjin; ***billi, madankollu, speċjalment l-SMEs ma għandhomx strateġiji u riżorsi biex jimmitigaw ir-riskju li l-ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet fin-negozji ż-żgħar ikunu soġġetti għal diskrepanza fil-ħiliet;*** billi dawk l-aktar fil-bżonn ta' taħriġ fil-ħiliet diġitali huma dawk l-anqas probabbli li jieħdu sehem fih[7];
7 https://www.cedefop.europa.eu/en/publicat	7 https://www.cedefop.europa.eu/en/publicat

ions/9201

ions/9201

Or. en

Emenda 36
Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-integrazzjoni rapida tas-sistemi tal-IA mhijiex akkumpanjata minn taħriġ suffiċjenti, bi 15 % biss tal-ħaddiema ppartećipaw f'taħriġ rilevanti fl-2023 filwaqt li 42 % tal-ħaddiema jirrikonoxxu l-ħtieġa li jtejbu l-ħiliet tagħhom relatati mal-IA u 61 % jipprevedu rekwiżiti ġodda ta' ħiliet fil-ħames snin li ġejjin; billi dawk l-aktar fil-bżonn ta' taħriġ fil-ħiliet diġitali huma dawk l-anqas probabbli li jieħdu sehem fih[7];	D. billi l-integrazzjoni rapida tas-sistemi tal-IA mhijiex akkumpanjata minn taħriġ suffiċjenti, bi 15 % biss tal-ħaddiema ppartećipaw f'taħriġ rilevanti fl-2023 filwaqt li 42 % tal-ħaddiema jirrikonoxxu l-ħtieġa li jtejbu l-ħiliet tagħhom relatati mal-IA u 61 % jipprevedu rekwiżiti ġodda ta' ħiliet fil-ħames snin li ġejjin; billi dawk l-aktar fil-bżonn ta' taħriġ fil-ħiliet diġitali ***– kemm dawk soċjali personali kif ukoll dawk intellettwali (b'mod partikolari l-filosofija, l-etika u l-morali Ewropej)*** **–** huma dawk l-anqas probabbli li jieħdu sehem fih[7];
[7] https://www.cedefop.europa.eu/en/publications/9201	[7] https://www.cedefop.europa.eu/en/publications/9201

Or. en

Emenda 37
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-integrazzjoni rapida tas-sistemi tal-IA mhijiex akkumpanjata minn	D. billi l-integrazzjoni rapida tas-sistemi tal-IA mhijiex akkumpanjata minn

taħriġ suffiċjenti, bi 15 % biss tal-ħaddiema ppartećipaw f'taħriġ ***rilevanti*** fl-2023 filwaqt li 42 % tal-ħaddiema jirrikonoxxu l-ħtieġa li jtejbu l-ħiliet tagħhom relatati mal-IA u 61 % jipprevedu rekwiżiti ġodda ta' ħiliet fil-ħames snin li ġejjin; billi dawk l-aktar fil-bżonn ta' taħriġ fil-ħiliet diġitali huma dawk l-anqas probabbli li jieħdu sehem fih[7];

taħriġ suffiċjenti, bi 15 % biss tal-ħaddiema ppartećipaw ***f'edukazzjoni u*** f'taħriġ ***biex ikomplu jiżviluppaw l-għarfien u l-ħiliet tal-IA tagħhom*** fl-2023 filwaqt li 42 % tal-ħaddiema jirrikonoxxu l-ħtieġa li jtejbu l-ħiliet tagħhom relatati mal-IA u 61 % jipprevedu rekwiżiti ġodda ta' ħiliet fil-ħames snin li ġejjin; billi dawk l-aktar fil-bżonn ta' taħriġ fil-ħiliet diġitali huma dawk l-anqas probabbli li jieħdu sehem fih[7];

7 https://www.cedefop.europa.eu/en/publications/9201

7 https://www.cedefop.europa.eu/en/publications/9201

Or. en

Emenda 38
Arba Kokalari, Jörgen Warborn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-integrazzjoni rapida tas-sistemi tal-IA ***mhijiex*** akkumpanjata minn taħriġ suffiċjenti, bi 15 % biss tal-ħaddiema ppartećipaw f'taħriġ rilevanti fl-2023 filwaqt li 42 % tal-ħaddiema jirrikonoxxu l-ħtieġa li jtejbu l-ħiliet tagħhom relatati mal-IA u 61 % jipprevedu rekwiżiti ġodda ta' ħiliet fil-ħames snin li ġejjin; billi dawk l-aktar fil-bżonn ta' taħriġ fil-ħiliet diġitali huma dawk l-anqas probabbli li jieħdu sehem fih[7];	D. billi l-integrazzjoni rapida tas-sistemi tal-IA ***trid tkun*** akkumpanjata minn taħriġ suffiċjenti, bi 15 % biss tal-ħaddiema ppartećipaw f'taħriġ rilevanti fl-2023 filwaqt li 42 % tal-ħaddiema jirrikonoxxu l-ħtieġa li jtejbu l-ħiliet tagħhom relatati mal-IA u 61 % jipprevedu rekwiżiti ġodda ta' ħiliet fil-ħames snin li ġejjin; billi dawk l-aktar fil-bżonn ta' taħriġ fil-ħiliet diġitali huma dawk l-anqas probabbli li jieħdu sehem fih[7];
7 https://www.cedefop.europa.eu/en/publications/9201	7 https://www.cedefop.europa.eu/en/publications/9201

Or. en

Emenda 39
Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi l-adattament tas-sistemi edukattivi, inkluż ***is-settur*** tal-VET***,*** huwa essenzjali biex ***l-istudenti*** jiġu mgħammra bil-ħiliet meħtieġa biex jirnexxu f'soċjetà kompetittiva, diġitali u teknoloġikament avvanzata;	E. billi l-adattament tas-sistemi edukattivi***—b'appoġġ akbar tal-ġenituri għall-edukazzjoni bikrija tat-tfal biex jitrawwem il-ftuħ għal ħiliet u attitudnijiet ġodda,*** inkluż ***fis-settur*** tal-VET***—***huwa essenzjali***; billi l-integrazzjoni bikrija tal-edukazzjoni dwar l-IA fl-edukazzjoni pubblika hija kruċjali*** biex ***il-ġenerazzjonijiet futuri*** jiġu mgħammra bil-ħiliet meħtieġa biex jirnexxu f'soċjetà kompetittiva, diġitali u teknoloġikament avvanzata ***filwaqt li huwa kruċjali wkoll li jiġi żgurat li l-użu ta' għodod xprunati mill-IA ma jaffettwax il-kapaċitajiet konjittivi tal-istudenti jew il-kwalità tal-edukazzjoni***;

Or. en

Emenda 40
Miriam Lexmann, Christian Ehler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi l-adattament tas-sistemi edukattivi, inkluż is-settur tal-VET, huwa essenzjali biex l-istudenti jiġu mgħammra bil-ħiliet meħtieġa biex jirnexxu f'soċjetà kompetittiva, diġitali u teknoloġikament avvanzata;	E. billi l-adattament tas-sistemi edukattivi, inkluż is-settur tal-VET ***kif ukoll kooperazzjoni mtejba sew bejn l-istituzzjonijiet edukattivi u l-impjegaturi***, huwa essenzjali ***biex jiġu previsti l-ħtiġijiet futuri tas-suq tax-xogħol u*** biex l-istudenti jiġu mgħammra bil-ħiliet meħtieġa biex jirnexxu f'soċjetà kompetittiva, diġitali u teknoloġikament avvanzata;

Or. en

Emenda 41
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi l-adattament tas-sistemi edukattivi, ***inkluż is-settur tal-VET***, huwa essenzjali biex l-istudenti jiġu mgħammra bil-ħiliet meħtieġa biex jirnexxu f'soċjetà kompetittiva, diġitali u teknoloġikament avvanzata;	E. billi l-adattament tas-sistemi edukattivi, ***inklużi l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali***, huwa essenzjali biex l-istudenti jiġu mgħammra bil-ħiliet meħtieġa biex jirnexxu f'soċjetà kompetittiva, diġitali u teknoloġikament avvanzata;

Or. en

Emenda 42
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi l-adattament tas-sistemi edukattivi, ***inkluż is-settur*** tal-VET, huwa essenzjali biex l-istudenti jiġu mgħammra bil-ħiliet meħtieġa biex jirnexxu f'soċjetà kompetittiva, diġitali u teknoloġikament avvanzata;	E. billi l-adattament tas-sistemi edukattivi ***u ta' taħriġ***, ***b'mod partikolari s-settur*** tal-VET, huwa essenzjali biex l-istudenti jiġu mgħammra bil-ħiliet meħtieġa biex jirnexxu f'soċjetà kompetittiva, diġitali u teknoloġikament avvanzata;

Or. en

Emenda 43
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi l-ġestjoni algoritmika hija kunċett li qed jevolvi u li mhuwiex definit b'mod konklużiv; billi għall-fini tad-direttiva proposta, il-ġestjoni algoritmika għandha tirreferi għal sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid tad-deċiżjonijiet;

Or. en

Emenda 44
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi l-IA u l-ġestjoni algoritmika jipprovdu bosta opportunitajiet għall-ottimizzazzjoni tax-xogħol, saħħa u sikurezza okkupazzjonali mtejba ***kif ukoll sodisfazzjon tal-impjegati,*** iżda jippreżentaw ukoll ċerti riskji; billi l-użu tal-IA u l-ġestjoni algoritmika jistgħu jnaqqsu l-kompiti tedjużi u l-ammont ta' xogħol ġenerali, itejbu l-allokazzjoni tal-kompiti u l-produttività, jipprevjenu r-riskji okkupazzjonali u ***jintroduċu tnaqqis fl-ispejjeż***;	F. billi l-IA u l-ġestjoni algoritmika ***jistgħu*** jipprovdu bosta opportunitajiet għall-ottimizzazzjoni tax-xogħol, ***aktar konsistenza u oġġettività tad-deċiżjonijiet maniġerjali u*** saħħa u sikurezza okkupazzjonali mtejba iżda jippreżentaw ukoll ċerti riskji***, jekk ma jitfasslux u jiġu varati b'mod iċċentrat fuq il-bniedem pereżempju inqas awtonomija tal-ħaddiema, nuqqas ta' trasparenza u aktar intensità tax-xogħol***; billi l-użu tal-IA u l-ġestjoni algoritmika jistgħu jnaqqsu l-kompiti tedjużi u l-ammont ta' xogħol ġenerali, itejbu l-allokazzjoni tal-kompiti u l-produttività, jipprevjenu r-riskji okkupazzjonali u ***jnaqqsu l-ispejjeż***;

Or. en

Emenda 45
Liesbet Sommen, Andrzej Buła

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi l-IA u l-ġestjoni algoritmika jipprovdu bosta opportunitajiet għall-ottimizzazzjoni tax-xogħol, saħħa u sikurezza okkupazzjonali mtejba kif ukoll sodisfazzjon tal-impjegati, iżda jippreżentaw ukoll ċerti riskji; billi l-użu tal-IA u l-ġestjoni algoritmika jistgħu jnaqqsu l-kompiti tedjużi u l-ammont ta' xogħol ġenerali, itejbu l-allokazzjoni tal-kompiti u l-produttività, jipprevjenu r-riskji okkupazzjonali u jintroduċu tnaqqis fl-ispejjeż;	F. billi l-IA u l-ġestjoni algoritmika jipprovdu bosta opportunitajiet għall-ottimizzazzjoni tax-xogħol, saħħa u sikurezza okkupazzjonali mtejba kif ukoll sodisfazzjon tal-impjegati, iżda jippreżentaw ukoll ċerti riskji; billi l-użu tal-IA u l-ġestjoni algoritmika jistgħu jnaqqsu l-kompiti tedjużi u l-ammont ta' xogħol ġenerali, itejbu l-allokazzjoni tal-kompiti u l-produttività, jipprevjenu r-riskji okkupazzjonali u jintroduċu tnaqqis fl-ispejjeż; ***billi huwa importanti li jiġi stabbilit qafas Ewropew dwar l-IA li jiżgura li l-IA tiġi varata bħala appoġġ effiċjenti għall-ħaddiema bnedmin, bl-għan li jiġi ġġenerat titjib fil-produttività u mhux sempliċement benefiċċji spekulattivi; billi r-riċerka turi li ħafna investimenti korporattivi fl-IA ġenerattiva, minkejja l-kapaċità tagħha li toħloq kontenut ġdid, għadhom ma rriżultawx f'titjib jew riżultati li jistgħu jitkejlu fil-produttività;***

Or. en

Emenda 46
Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi l-IA u l-ġestjoni algoritmika jipprovdu bosta opportunitajiet għall-ottimizzazzjoni tax-xogħol, saħħa u sikurezza okkupazzjonali mtejba kif ukoll sodisfazzjon tal-impjegati, iżda jippreżentaw ukoll ċerti riskji; billi l-użu tal-IA u l-ġestjoni algoritmika jistgħu jnaqqsu l-kompiti tedjużi u l-ammont ta'	F. billi l-IA u l-ġestjoni algoritmika jipprovdu bosta opportunitajiet għall-ottimizzazzjoni tax-xogħol, saħħa u sikurezza okkupazzjonali mtejba kif ukoll sodisfazzjon tal-impjegati ***kif ukoll żvilupp personali u tat-trasportaturi***, iżda jippreżentaw ukoll ċerti riskji***, speċjalment dawk mingħajr kontroll mill-bniedem u***

xogħol ġenerali, itejbu l-allokazzjoni tal-kompiti u l-produttività, jipprevjenu r-riskji okkupazzjonali u jintroduċu tnaqqis fl-ispejjeż;	***dawk kompletament awtomatizzati,*** billi l-użu tal-IA u l-ġestjoni algoritmika jistgħu jnaqqsu l-kompiti tedjużi u l-ammont ta' xogħol ġenerali, itejbu l-allokazzjoni tal-kompiti u l-produttività, jipprevjenu r-riskji okkupazzjonali u jintroduċu tnaqqis fl-ispejjeż ***kif ukoll iwasslu għall-iżvilupp tal-prodotti u tas-servizzi***;

Or. en

Emenda 47
Leila Chaibi, Anthony Smith, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi l-IA u l-ġestjoni algoritmika jipprovdu bosta opportunitajiet għall-ottimizzazzjoni tax-xogħol, saħħa u sikurezza okkupazzjonali mtejba kif ukoll sodisfazzjon ***tal-impjegati***, iżda jippreżentaw ukoll ċerti riskji; billi l-użu tal-IA u l-ġestjoni algoritmika jistgħu jnaqqsu l-kompiti tedjużi u l-ammont ta' xogħol ġenerali, itejbu l-allokazzjoni tal-kompiti u l-produttività, jipprevjenu r-riskji okkupazzjonali u jintroduċu tnaqqis fl-ispejjeż;	F. billi l-IA u l-ġestjoni algoritmika jipprovdu bosta opportunitajiet għall-ottimizzazzjoni tax-xogħol, saħħa u sikurezza okkupazzjonali mtejba kif ukoll ***sodisfazzjoni fl-impjieg***, iżda jippreżentaw ukoll ċerti riskji ***li għad iridu jiġu identifikati bis-sħiħ, minħabba l-evoluzzjoni mhux magħrufa tal-IA u l-ġestjoni algoritmika***; billi l-użu tal-IA u l-ġestjoni algoritmika jistgħu jnaqqsu l-kompiti tedjużi u l-ammont ta' xogħol ġenerali, itejbu l-allokazzjoni tal-kompiti u l-produttività, jipprevjenu r-riskji okkupazzjonali u jintroduċu tnaqqis fl-ispejjeż;

Or. en

Emenda 48
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi l-IA u l-ġestjoni algoritmika jipprovdu ***bosta*** opportunitajiet għall-ottimizzazzjoni tax-xogħol, saħħa u sikurezza okkupazzjonali mtejba kif ukoll sodisfazzjon ***tal-impjegati***, iżda jippreżentaw ukoll ***ċerti*** riskji; billi l-użu tal-IA u l-ġestjoni algoritmika jistgħu jnaqqsu l-kompiti tedjużi u l-ammont ta' xogħol ġenerali, itejbu l-allokazzjoni tal-kompiti u l-produttività, jipprevjenu r-riskji okkupazzjonali u jintroduċu tnaqqis fl-ispejjeż;	F. billi l-IA u l-ġestjoni algoritmika jipprovdu opportunitajiet ***potenzjali*** għall-ottimizzazzjoni tax-xogħol, saħħa u sikurezza okkupazzjonali mtejba kif ukoll sodisfazzjon ***tal-ħaddiema***, iżda jippreżentaw ukoll riskji; billi l-użu tal-IA u l-ġestjoni algoritmika jistgħu jnaqqsu l-kompiti tedjużi u l-ammont ta' xogħol ġenerali, itejbu l-allokazzjoni tal-kompiti u l-produttività, jipprevjenu r-riskji okkupazzjonali u jintroduċu tnaqqis fl-ispejjeż;

Or. en

Emenda 49
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi huwa importanti li jiġu indirizzati r-riskji relatati max-xogħol li jirriżultaw ***mill-IA*** u l-ġestjoni algoritmika bħall-pressjoni tal-ħin u tal-prestazzjoni, l-intensifikazzjoni tax-xogħol, il-monitoraġġ u s-sorveljanza ***kif ukoll*** l-iżolament soċjali ***u l-istress***;	G. billi huwa importanti li jiġu indirizzati r-riskji relatati max-xogħol li jirriżultaw ***mis-sistemi tal-IA*** u l-ġestjoni algoritmika bħall-pressjoni tal-ħin u tal-prestazzjoni, l-intensifikazzjoni tax-xogħol, il-monitoraġġ u s-sorveljanza ***żejda,*** l-iżolament soċjali***, kif ukoll is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali***; ***billi l-IA tista' timmina l-libertà u l-awtonomija tal-ħaddiema u tikkontribwixxi għal problemi ta' saħħa mentali, piż psikoloġiku eċċessiv u għeja; billi l-IA u s-sistemi ta' ġestjoni algoritmika jistgħu jwasslu wkoll għal trattament diskriminatorju, inkluż fil-proċessi ta' reklutaġġ, minħabba preġudizzji algoritmiċi;***

Or. en

Emenda 50
Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi huwa importanti li jiġu indirizzati r-riskji relatati max-xogħol li jirriżultaw mill-IA u l-ġestjoni algoritmika bħall-pressjoni tal-ħin u tal-prestazzjoni, l-intensifikazzjoni tax-xogħol, il-monitoraġġ u s-sorveljanza kif ukoll l-iżolament soċjali u l-istress;	G. billi huwa importanti li jiġu indirizzati r-riskji relatati max-xogħol li jirriżultaw mill-IA u l-ġestjoni algoritmika bħall-pressjoni tal-ħin u tal-prestazzjoni, l-intensifikazzjoni tax-xogħol, il-monitoraġġ u s-sorveljanza kif ukoll l-iżolament soċjali***, id-diskriminazzjoni illegali skont id-Direttiva dwar l-ugwaljanza fl-impjiegi (id-Direttiva 2000/78/KE li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol), in-nuqqas li tiġi pprovduta akkomodazzjoni raġonevoli għall-persuni b'diżabbiltà*** u l-istress;

Or. en

Emenda 51
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi huwa importanti li jiġu indirizzati r-riskji relatati max-xogħol li jirriżultaw ***mill-IA*** u l-ġestjoni algoritmika bħall-pressjoni tal-ħin u tal-prestazzjoni, l-intensifikazzjoni tax-xogħol, ***il-monitoraġġ u s-sorveljanza*** kif ukoll l-iżolament soċjali u l-istress;	G. billi huwa importanti li jiġu indirizzati r-riskji relatati max-xogħol li jirriżultaw ***mis-sistemi tal-IA*** u l-ġestjoni algoritmika bħall-pressjoni tal-ħin u tal-prestazzjoni, l-intensifikazzjoni tax-xogħol, ***id-diskriminazzjoni, it-telf tal-awtonomija, iż-żieda fil-kompetizzjoni mal-koħaddiema, is-sorveljanza żejda*** kif ukoll l-iżolament soċjali u l-istress ***relatat mal-post tax-xogħol***;

Or. en

Emenda 52
Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi ***huwa importanti li jiġu indirizzati*** r-riskji relatati max-xogħol li jirriżultaw mill-IA u l-ġestjoni algoritmika bħall-pressjoni tal-ħin u tal-prestazzjoni, l-intensifikazzjoni tax-xogħol, il-monitoraġġ u s-sorveljanza kif ukoll l-iżolament soċjali u l-istress;	G. billi r-riskji relatati max-xogħol li jirriżultaw mill-IA u l-ġestjoni algoritmika bħall-pressjoni tal-ħin u tal-prestazzjoni, l-intensifikazzjoni tax-xogħol, il-monitoraġġ u s-sorveljanza kif ukoll l-iżolament soċjali u l-istress ***diġà ġew indirizzati mil-leġiżlazzjoni Ewropea eżistenti, inkluż ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR), l-Att dwar l-IA u l-acquis soċjali Ewropew***;

Or. en

Emenda 53
Liesbet Sommen, Andrzej Buła

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi huwa importanti li jiġu indirizzati r-riskji relatati max-xogħol li jirriżultaw mill-IA u l-ġestjoni algoritmika bħall-pressjoni tal-ħin u tal-prestazzjoni, l-intensifikazzjoni tax-xogħol, il-monitoraġġ u s-sorveljanza kif ukoll l-iżolament soċjali ***u*** l-istress;	G. billi huwa importanti li jiġu indirizzati r-riskji relatati max-xogħol li jirriżultaw mill-IA u l-ġestjoni algoritmika bħall-pressjoni tal-ħin u tal-prestazzjoni, l-intensifikazzjoni tax-xogħol, il-monitoraġġ u s-sorveljanza kif ukoll ***ċerti preġudizzji fis-sistema tal-IA,*** l-iżolament soċjali***,*** l-istress ***u kwistjonijiet oħra tas-saħħa mentali***;

Or. en

Emenda 54
Leila Chaibi, Anthony Smith, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi huwa importanti li jiġu indirizzati r-riskji relatati max-xogħol li jirriżultaw mill-IA u l-ġestjoni algoritmika bħall-pressjoni tal-ħin u tal-prestazzjoni, l-intensifikazzjoni tax-xogħol, il-monitoraġġ u s-sorveljanza kif ukoll l-iżolament soċjali u l-istress;	G. billi huwa importanti li jiġu indirizzati r-riskji relatati max-xogħol li jirriżultaw mill-IA u l-ġestjoni algoritmika bħall-pressjoni tal-ħin u tal-prestazzjoni, l-intensifikazzjoni tax-xogħol, il-monitoraġġ u s-sorveljanza***, in-nuqqas ta' awtonomija, it-telf ta' sinifikat, id-diżumanizzazzjoni*** kif ukoll l-iżolament soċjali u l-istress;

Or. en

Emenda 55
Marlena Maląg

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi huwa importanti li jiġu indirizzati r-riskji relatati max-xogħol li jirriżultaw mill-IA u l-ġestjoni algoritmika bħall-pressjoni tal-ħin u tal-prestazzjoni, l-intensifikazzjoni tax-xogħol, il-monitoraġġ u s-sorveljanza kif ukoll l-iżolament soċjali u l-istress;	G. billi huwa importanti li jiġu indirizzati r-riskji relatati max-xogħol li jirriżultaw mill-IA u l-ġestjoni algoritmika bħall-pressjoni tal-ħin u tal-prestazzjoni, ***id-diskriminazzjoni,*** l-intensifikazzjoni tax-xogħol, il-monitoraġġ u s-sorveljanza kif ukoll l-iżolament soċjali u l-istress ***u l-qagħad teknoloġiku***;

Or. pl

Emenda 56
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi huwa importanti li jiġu indirizzati r-riskji ***relatati max-xogħol*** li jirriżultaw mill-IA u l-ġestjoni algoritmika bħall-pressjoni tal-ħin u tal-prestazzjoni, l-intensifikazzjoni tax-xogħol, il-monitoraġġ u s-sorveljanza kif ukoll l-iżolament soċjali u l-istress;	G. billi huwa importanti li jiġu indirizzati r-riskji ***għall-kundizzjonijiet tax-xogħol ta' kwalità u għall-OSH*** li jirriżultaw mill-IA u l-ġestjoni algoritmika bħall-pressjoni tal-ħin u tal-prestazzjoni, l-intensifikazzjoni tax-xogħol, il-monitoraġġ u s-sorveljanza ***intrużivi*** kif ukoll l-iżolament soċjali u l-istress;

Or. en

Emenda 57
Miriam Lexmann, Christian Ehler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi huwa importanti li jiġu indirizzati r-riskji relatati max-xogħol li jirriżultaw mill-IA u l-ġestjoni algoritmika ***bħall-pressjoni*** tal-ħin u tal-prestazzjoni, l-intensifikazzjoni tax-xogħol, il-monitoraġġ u s-sorveljanza kif ukoll l-iżolament soċjali u l-istress;	G. billi huwa importanti li jiġu ***evitati u*** indirizzati r-riskji ***potenzjali*** relatati max-xogħol li jirriżultaw mill-IA u l-ġestjoni algoritmika ***bħal żieda fil-pressjoni*** tal-ħin u tal-prestazzjoni, l-intensifikazzjoni tax-xogħol, il-monitoraġġ u s-sorveljanza kif ukoll l-iżolament soċjali u l-istress;

Or. en

Emenda 58
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ga. billi s-sistemi ta' ġestjoni algoritmika jintużaw b'mod predominanti għall-attivitajiet maniġerjali li ġejjin[1a]: ir-reklutaġġ, l-iskedar tax-xogħol/tal-

kompiti, in-nudging/id-direzzjoni tal-monitoraġġ/is-sorveljanza tal-ħaddiem; l-evalwazzjoni tal-ħaddiema, il-ġestjoni/it-taħriġ tat-talenti, l-ippremjar tal-ħaddiema u t-tkeċċija tal-ħaddiema; billi l-ġestjoni algoritmika spiss ma tiġi varata permezz ta' software speċifiku, iżda bħala parti integrali mis-software storiku;

[1a] Kummissjoni Ewropea: Id-Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni, Visionary Analytics, Paliokaitė, A., Christenko, A., Aloisi, A. et al., Study exploring the context, challenges, opportunities, and trends in algoritmic management in the place – Final report (Studju li jesplora l-kuntest, l-isfidi, l-opportunitajiet u x-xejriet fil-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol – Rapport finali), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025, https://data.europa.eu/doi/10.2767/5629841

Or. en

Emenda 59
Leila Chaibi, Anthony Smith, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi l-varar tal-IA u tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol jinvolvi l-ġbir u l-ipproċessar ta' volum kbir ta' ***data dwar l-impjegati***, li jista' jqajjem tħassib dwar il-protezzjoni tad-data u l-privatezza u jirrikjedi ***diliġenza dovuta*** fil-ġestjoni tiegħu;	H. billi l-varar tal-IA u tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol jinvolvi l-ġbir u l-ipproċessar ta' volum kbir ta' ***data personali u kollettiva ta' persuni li jwettqu x-xogħol***, li jista' jqajjem tħassib dwar il-protezzjoni tad-data u l-privatezza u jirrikjedi ***li tiġi indirizzata l-asimmetrija tal-iżbilanċi tal-poter billi jiġi stabbilit sett ta' regoli legali Ewropej, appoġġjat minn kodeterminazzjoni ġusta permezz ta' negozjar kollettiv*** fil-ġestjoni

tiegħu;

Or. en

Emenda 60
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi l-varar tal-IA u tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol jinvolvi l-ġbir u l-ipproċessar ta' volum kbir ta' data dwar ***l-impjegati***, li jista' jqajjem tħassib dwar il-protezzjoni tad-data u l-privatezza u jirrikjedi diliġenza dovuta ***fil-ġestjoni tiegħu***;	H. billi l-varar tal-IA u tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol jinvolvi l-ġbir u l-ipproċessar ta' volum kbir ta' data dwar ***il-ħaddiema***, li jista' jqajjem tħassib dwar il-protezzjoni tad-data u l-privatezza u jirrikjedi diliġenza dovuta ***fl-iżgurar tal-konformità mal-GDPR u kwalunkwe regola aktar speċifika dwar l-ipproċessar ta' data personali f'kuntest ta' impjieg kif stabbilit fid-dritt nazzjonali jew fil-ftehimiet kollettivi applikabbli***;

Or. en

Emenda 61
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi l-varar tal-IA u tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol jinvolvi l-ġbir u l-ipproċessar ta' volum kbir ta' data dwar ***l-impjegati***, li ***jista'*** jqajjem tħassib dwar il-protezzjoni tad-data u l-privatezza u jirrikjedi ***diliġenza dovuta*** fil-ġestjoni tiegħu;	H. billi l-varar tal-IA u tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol jinvolvi l-ġbir u l-ipproċessar ta' volum kbir ta' data dwar ***il-ħaddiema***, li jqajjem tħassib dwar il-protezzjoni tad-data u l-privatezza u jirrikjedi ***li jitnaqqsu l-iżbilanċi tal-poter billi jiġu stabbiliti regoli b'mod kollettiv permezz tad-djalogu***

soċjali fil-ġestjoni tiegħu;

Or. en

Emenda 62
Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi l-varar tal-IA u tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol jinvolvi l-ġbir u l-ipproċessar ta' volum kbir ta' data dwar l-impjegati, li jista' jqajjem tħassib dwar il-protezzjoni tad-data u l-privatezza u jirrikjedi diliġenza dovuta fil-ġestjoni tiegħu;	H. billi l-varar tal-IA u tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol jinvolvi l-ġbir u l-ipproċessar ta' volum kbir ta' data dwar l-impjegati, ***inkluża data mhux trasparenti tagħhom,*** li jista' jqajjem tħassib dwar il-protezzjoni tad-data u l-privatezza u jirrikjedi diliġenza dovuta fil-ġestjoni tiegħu***, fit-trasferimenti kif ukoll fil-bejgħ tad-data***;

Or. en

Emenda 63
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi l-varar tal-IA u tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol jinvolvi l-ġbir u l-ipproċessar ta' volum kbir ta' data dwar ***l-impjegati***, li jista' jqajjem tħassib dwar il-protezzjoni tad-data u l-privatezza u jirrikjedi diliġenza dovuta fil-ġestjoni tiegħu;	H. billi l-varar tal-IA u tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol jinvolvi l-ġbir u l-ipproċessar ta' volum kbir ta' data dwar ***il-ħaddiema***, li jista' jqajjem tħassib dwar ***is-sorveljanza,*** il-protezzjoni tad-data u l-privatezza u jirrikjedi diliġenza dovuta fil-ġestjoni tiegħu;

Or. en

Emenda 64
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi s-sistemi ta' ġestjoni algoritmika ġew adottati u varati għall-ewwel darba b'mod mifrux mill-pjattaformi tax-xogħol diġitali, iżda issa ġew varati b'mod wiesa' fis-suq tax-xogħol kollu;

Or. en

Emenda 65
Marlena Maląg

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi l-iżviluppi teknoloġiċi jistgħu jwasslu biex il-fruntieri bejn l-isferi tax-xogħol u tal-ħajja privata ma jibqgħux ċari;

Or. pl

Emenda 66
Marlena Maląg

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Hb. billi r-regolamenti u l-prattiki legali għandhom iqisu r-riskji psikosoċjali f'ambjenti tax-xogħol li jużaw prodotti ta' magni awtonomi;

Emenda 67
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi ***huwa stmat li aktar minn*** kwart tal-kumpaniji fl-Unjoni jużaw mill-anqas forma waħda ta' ġestjoni algoritmika; billi l-adozzjoni tal-ġestjoni algoritmika x'aktarx li tikber b'mod sinifikanti fis-snin li ġejjin[8] ;	I. billi ***l-istimi jvarjaw, li bejn*** kwart ***u 80 %*** tal-kumpaniji fl-Unjoni jużaw mill-anqas forma waħda ta' ġestjoni algoritmika; billi l-adozzjoni tal-ġestjoni algoritmika x'aktarx li tikber b'mod sinifikanti fis-snin li ġejjin[8] ; ***billi 26,5 % tal-ħaddiema fl-UE għandhom il-prestazzjoni tax-xogħol tagħhom immonitorjata minn "programmatur", bi prevalenza ogħla f'kumpaniji kbar; billi 27,4 % tal-ħaddiema jingħataw kompiti allokati permezz ta' sistema tal-kompjuter[8a]; billi 35 % tal-kumpaniji Ewropej jużaw sistemi ta' ġestjoni algoritmika għall-valutazzjoni[8b];***
8 https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/5afb4511-0ddf-11f0-b1a3-01aa75ed71a1/language-en : "jista' jiġi argumentat li aktar minn kwart tal-kumpaniji ***fl-UE-27*** jużaw il-ġestjoni algoritmika abbażi tal-metodu Delphi, u x'aktarx li fl-10 snin li ġejjin il-ġestjoni algoritmika se tikber minn 3 % għal 6 % kull sena."	8 https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/5afb4511-0ddf-11f0-b1a3-01aa75ed71a1/language-en : "jista' jiġi argumentat li aktar minn kwart tal-kumpaniji ***fl-EU-27*** jużaw il-ġestjoni algoritmika abbażi tal-metodu Delphi, u x'aktarx li fl-10 snin li ġejjin il-ġestjoni algoritmika se tikber minn 3 % għal 6 % kull sena." ***[8a] European Working Conditions Survey 2024 (Stħarriġ Ewropew dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol 2024)*** ***[8b] Dokument ta' Ħidma tal-OECD, Algorithmic Management in the Workplace (Ġestjoni Algoritmika fuq il-Post tax-Xogħol), 2025, p. 17.***

Or. en

Emenda 68
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi huwa stmat li aktar minn kwart tal-kumpaniji fl-Unjoni jużaw mill-anqas forma waħda ta' ġestjoni algoritmika; billi l-adozzjoni tal-ġestjoni algoritmika x'aktarx li tikber b'mod sinifikanti fis-snin li ġejjin[8];	I. billi huwa stmat li aktar minn kwart tal-kumpaniji fl-Unjoni jużaw mill-anqas forma waħda ta' ġestjoni algoritmika; billi l-adozzjoni tal-ġestjoni algoritmika x'aktarx li tikber b'mod sinifikanti fis-snin li ġejjin[8]; ***billi, għal dan l-għan, id-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv flimkien ma' qafas legali komprensiv, huma essenzjali għall-istabbiliment ta' regoli effettivi dwar l-IA responsabbli u l-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol;***
[8] ***https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/5afb4511-0ddf-11f0-b1a3-01aa75ed71a1/language-en : "jista' jiġi argumentat li aktar minn kwart tal-kumpaniji fl-UE-27 jużaw il-ġestjoni algoritmika abbażi tal-metodu Delphi, u x'aktarx li fl-10 snin li ġejjin il-ġestjoni algoritmika se tikber minn 3 % għal 6 % kull sena."***	[8] ***Il-Kummissjoni Ewropea: Id-Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni, Visionary Analytics, Paliokaitė, A., Christenko, A., Aloisi, A. et al., Study exploring the context, challenges, opportunities, and trends in algoritmic management in the place – Final report (Studju li jesplora l-kuntest, l-isfidi, l-opportunitajiet u x-xejriet fil-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol – Rapport finali), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025, https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/5afb4511-0ddf-11f0-b1a3-01aa75ed71a1/language-en, p. 21: "jista' jiġi argumentat li aktar minn kwart tal-kumpaniji fl-EU-27 jużaw ġestjoni algoritmika" u p. 202 : "abbażi tal-istħarriġ Delphi, huwa probabbli ħafna li fl-10 snin li ġejjin, il-ġestjoni algoritmika se tikber minn 3 % għal 6 % fis-sena"***

Or. en

Emenda 69
Leila Chaibi, Anthony Smith, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi huwa stmat li aktar minn kwart tal-kumpaniji fl-Unjoni jużaw mill-anqas forma waħda ta' ġestjoni algoritmika; billi l-adozzjoni tal-ġestjoni algoritmika x'aktarx li tikber b'mod sinifikanti fis-snin li ġejjin[8] ;	I. billi huwa stmat li aktar minn kwart tal-kumpaniji fl-Unjoni jużaw mill-anqas forma waħda ta' ġestjoni algoritmika; billi l-adozzjoni tal-ġestjoni algoritmika x'aktarx li tikber b'mod sinifikanti fis-snin li ġejjin[8] ; ***billi għalhekk hija ħtieġa li tittejjeb iċ-ċertezza legali biex jinkisbu kundizzjonijiet ekwi fl-Unjoni billi jiġi armonizzat l-użu tal-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol;***
[8] https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/5afb4511-0ddf-11f0-b1a3-01aa75ed71a1/language-en : "jista' jiġi argumentat li aktar minn kwart tal-kumpaniji ***fl-UE-27*** jużaw il-ġestjoni algoritmika abbażi tal-metodu Delphi, u x'aktarx li fl-10 snin li ġejjin il-ġestjoni algoritmika se tikber minn 3 % għal 6 % kull sena."	[8] https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/5afb4511-0ddf-11f0-b1a3-01aa75ed71a1/language-en : "jista' jiġi argumentat li aktar minn kwart tal-kumpaniji ***fl-EU-27*** jużaw il-ġestjoni algoritmika abbażi tal-metodu Delphi, u x'aktarx li fl-10 snin li ġejjin il-ġestjoni algoritmika se tikber minn 3 % għal 6 % kull sena."

Or. en

Emenda 70
Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi huwa stmat li aktar minn kwart tal-kumpaniji fl-Unjoni jużaw mill-anqas forma waħda ta' ġestjoni algoritmika; billi l-adozzjoni tal-ġestjoni algoritmika ***x'aktarx li*** tikber b'mod sinifikanti fis-snin	I. billi huwa stmat li aktar minn kwart tal-kumpaniji fl-Unjoni jużaw mill-anqas forma waħda ta' ġestjoni algoritmika; billi ***huwa ċert li*** l-adozzjoni tal-ġestjoni algoritmika ***se*** tikber b'mod sinifikanti fis-

li ġejjin[8];	snin li ġejjin[8];
8 https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/5afb4511-0ddf-11f0-b1a3-01aa75ed71a1/language-en : “jista’ jiġi argumentat li aktar minn kwart tal-kumpaniji ***fl-UE-27*** jużaw il-ġestjoni algoritmika abbażi tal-metodu Delphi, u x’aktarx li fl-10 snin li ġejjin il-ġestjoni algoritmika se tikber minn 3 % għal 6 % kull sena.”	8 https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/5afb4511-0ddf-11f0-b1a3-01aa75ed71a1/language-en : “jista’ jiġi argumentat li aktar minn kwart tal-kumpaniji ***fl-EU-27*** jużaw il-ġestjoni algoritmika abbażi tal-metodu Delphi, u x’aktarx li fl-10 snin li ġejjin il-ġestjoni algoritmika se tikber minn 3 % għal 6 % kull sena.”
	Or. en

Emenda 71
Kim Van Sparrentak
f’isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ia (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ia. billi madwar żewġ terzi tal-maniġers li jużaw għodod ta’ ġestjoni algoritmika għandhom tħassib dwar l-affidabbiltà fir-rigward tal-użu attwali tagħhom; billi l-maniġers ta’ spiss jindikaw obbligu ta’ rendikont mhux ċar (28 %), nuqqas ta’ spjegabbiltà (27 %), kif ukoll protezzjoni inadegwata tas-saħħa fiżika u mentali tal-impjegati (27 %)[1a];
	[1a] Dokument ta’ Ħidma tal-OECD, Algorithmic Management in the Workplace (Ġestjoni Algoritmika fuq il-Post tax-Xogħol), 2025, p. 37.
	Or. en

Emenda 72
Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ia (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ia. billi, minħabba l-mod kif tiżviluppa l-IA—anke qabel it-tfaċċar tal-IA bi skop ġenerali, jiġifieri, is-superintelliġenza—isir dejjem aktar meħtieġ u f'waqtu li jiġu indirizzati r-responsabbiltà, il-kwistjonijiet etiċi u morali li jirriżultaw mit-tħaddim u l-ħidma tar-robots umanojde u l-androjdi li kapaċi jiffunzjonaw b'mod indipendenti;

Or. en

Emenda 73
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa J

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
J. billi 62 % tal-Ewropej għandhom perspettiva pożittiva tal-użu tar-robots u l-IA fuq il-post tax-xogħol[9]; billi ***dan l-approċċ pożittiv għall-użu*** ta' teknoloġiji ġodda fuq il-post tax-xogħol ***huwa aktar mifrux fost iż-żgħażagħ, dawk li jaħdmu u dawk b'livell ogħla ta' edukazzjoni***[10] ;	J. billi 62 % tal-Ewropej għandhom perspettiva pożittiva tal-użu tar-robots u l-IA fuq il-post tax-xogħol[9]; billi ***66 % tal-Ewropej jemmnu li aktar impjiegi se jisparixxu milli jinħolqu minħabba l-użu tar-robots u l-IA; billi 61 % tal-Ewropej jemmnu li r-robots u l-IA għandhom impatt negattiv fuq il-komunikazzjoni bejn il-kollegi; billi dawk li huma żgħażagħ, li jaħdmu u dawk b'livelli ogħla ta' edukazzjoni għandhom perspettiva aktar pożittiva tal-użu*** ta' teknoloġiji ġodda fuq il-post tax-xogħol[10];
[9] https://europa.eu/eurobarometer/surveys/detail/3222	[9] https://europa.eu/eurobarometer/surveys/detail/3222
[10] Eurobarometer, Mejju 2024 https://europa.eu/eurobarometer/surveys/de	[10] Eurobarometer, Mejju 2024 https://europa.eu/eurobarometer/surveys/de

tail/3222

tail/3222

Or. en

Emenda 74
Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa J

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
J. billi 62 % tal-Ewropej għandhom perspettiva pożittiva tal-użu tar-robots u l-IA fuq il-post tax-xogħol[9] ; billi dan l-approċċ pożittiv għall-użu ta' teknoloġiji ġodda fuq il-post tax-xogħol huwa aktar mifrux fost iż-żgħażagħ, dawk li jaħdmu u dawk b'livell ogħla ta' edukazzjoni[10] ;	J. billi 62 % tal-Ewropej għandhom perspettiva pożittiva tal-użu tar-robots u l-IA fuq il-post tax-xogħol[9] ; billi dan l-approċċ pożittiv għall-użu ta' teknoloġiji ġodda fuq il-post tax-xogħol huwa aktar mifrux fost iż-żgħażagħ, dawk li jaħdmu u dawk b'livell ogħla ta' edukazzjoni[10] ; ***billi dan jirrifletti ftuħ dejjem akbar għall-innovazzjoni u l-potenzjal tal-IA li ttejjeb il-produttività, il-kwalità tal-impjiegi u l-kompetittività ekonomika, dment li tiġi żviluppata u implimentata b'mod responsabbli;***
9 https://europa.eu/eurobarometer/surveys/detail/3222	9 https://europa.eu/eurobarometer/surveys/detail/3222
10 Eurobarometer, Mejju 2024 https://europa.eu/eurobarometer/surveys/detail/3222	10 Eurobarometer, Mejju 2024 https://europa.eu/eurobarometer/surveys/detail/3222

Or. en

Emenda 75
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa J

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
J. billi 62 % tal-Ewropej għandhom	J. billi 62 % tal-Ewropej għandhom

perspettiva pożittiva tal-użu tar-robots u l-IA fuq il-post tax-xogħol[9] ; billi dan l-approċċ pożittiv għall-użu ta' teknoloġiji ġodda fuq il-post tax-xogħol huwa aktar mifrux fost iż-żgħażagħ, dawk li jaħdmu u dawk b'livell ogħla ta' edukazzjoni[10] ;	perspettiva pożittiva tal-użu tar-robots u l-IA fuq il-post tax-xogħol ***u 73 % jaqblu li r-robots u l-IA jżidu l-pass li bih il-ħaddiema jlestu l-kompiti*** [9]; billi dan l-approċċ pożittiv għall-użu ta' teknoloġiji ġodda fuq il-post tax-xogħol huwa aktar mifrux fost iż-żgħażagħ, dawk li jaħdmu u dawk b'livell ogħla ta' edukazzjoni[10];
9 https://europa.eu/eurobarometer/surveys/detail/3222	9 https://europa.eu/eurobarometer/surveys/detail/3222
[10] Eurobarometer, Mejju 2024 https://europa.eu/eurobarometer/surveys/detail/3222	[10] Eurobarometer, Mejju 2024 https://europa.eu/eurobarometer/surveys/detail/3222

Or. en

Emenda 76
Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa J

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
J. billi 62 % tal-Ewropej għandhom perspettiva pożittiva tal-użu tar-robots u l-IA fuq il-post tax-xogħol[9] ; billi dan l-approċċ pożittiv għall-użu ta' teknoloġiji ġodda fuq il-post tax-xogħol huwa aktar mifrux fost iż-żgħażagħ, dawk li jaħdmu u dawk b'livell ogħla ta' edukazzjoni[10] ;	J. billi 62 % tal-Ewropej għandhom perspettiva pożittiva tal-użu tar-robots u l-IA fuq il-post tax-xogħol[9] ; billi dan l-approċċ pożittiv għall-użu ta' teknoloġiji ġodda fuq il-post tax-xogħol huwa aktar mifrux fost iż-żgħażagħ, dawk li jaħdmu u dawk b'livell ogħla ta' edukazzjoni[10]***, billi dawn it-teknoloġiji ġodda jistgħu jisfidaw l-idea ta' immigrazzjoni kontinwa ta' dawk neqsin mill-ħiliet diġitali u personali kif ukoll dawk soċjali***;
9 https://europa.eu/eurobarometer/surveys/detail/3222	9 https://europa.eu/eurobarometer/surveys/detail/3222
[10] Eurobarometer, Mejju 2024 https://europa.eu/eurobarometer/surveys/detail/3222	[10] Eurobarometer, Mejju 2024 https://europa.eu/eurobarometer/surveys/detail/3222

Or. en

Emenda 77
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ja (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ja. billi skont stħarriġ tal-OECD, 60 % tal-maniġers jemmnu li l-ġestjoni algoritmika ttejjeb il-kwalità tat-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom stess; billi fl-istess ħin kważi żewġ terzi tal-maniġers mistħarrġa esprimew tħassib dwar l-għodod ta' ġestjoni algoritmika li jużaw: obbligu ta' rendikont mhux ċar fil-każ ta' deċiżjoni żbaljata (28 %), l-inabbiltà li tiġi segwita l-loġika ta' deċiżjonijiet jew rakkomandazzjonijiet algoritmiċi (27 %) u protezzjoni inadegwata tas-saħħa fiżika u mentali tal-ħaddiema (27 %)[1a].
	[1a] Milanez, A., A. Lemmens u C. Ruggiu (2025), "Algorithmic management in the workplace: New evidence from an OECD employer survey" (Ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol: evidenza ġdida minn stħarriġ tal-OECD dwar l-impjegaturi), Dokumenti tal-OECD dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, Nru 31, OECD Publishing, Pariġi

Or. en

Emenda 78
Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa K

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
K. billi l-konsultazzjoni u l-involviment tal-maniġers, kif ukoll tal-impjegati u tar-rappreżentanti tagħhom fl-adozzjoni ta' teknoloġiji ġodda jsaħħu b'mod sinifikanti l-aċċettazzjoni u l-perċezzjonijiet pożittivi, jimmassimizzaw il-benefiċċji u jindirizzaw ir-riskji ta' dawk it-teknoloġiji fuq il-post tax-xogħol;	K. billi l-konsultazzjoni u l-involviment tal-maniġers, kif ukoll tal-impjegati u tar-rappreżentanti tagħhom fl-adozzjoni ta' teknoloġiji ġodda jsaħħu b'mod sinifikanti l-aċċettazzjoni u l-perċezzjonijiet pożittivi ***u l-motivazzjonijiet tagħhom biex isegwu ħiliet ġodda***, jimmassimizzaw il-benefiċċji***, inklużi oqsma ġodda possibbli tal-iżvilupp tagħhom biex itejbu l-opportunitajiet tal-operaturi,*** u jindirizzaw ir-riskji ta' dawk it-teknoloġiji fuq il-post tax-xogħol;

Or. en

Emenda 79
Leila Chaibi, Anthony Smith, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa K

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
K. billi l-konsultazzjoni u l-involviment tal-maniġers, kif ukoll ***tal-impjegati*** u tar-rappreżentanti tagħhom fl-adozzjoni ta' teknoloġiji ġodda jsaħħu b'mod sinifikanti l-aċċettazzjoni u l-perċezzjonijiet pożittivi, jimmassimizzaw il-benefiċċji u jindirizzaw ir-riskji ta' dawk it-teknoloġiji fuq il-post tax-xogħol;	K. billi l-konsultazzjoni u l-involviment tal-maniġers, kif ukoll ***tal-persuni li jwettqu xogħol*** u tar-rappreżentanti tagħhom fl-adozzjoni ta' teknoloġiji ġodda jsaħħu b'mod sinifikanti l-aċċettazzjoni u l-perċezzjonijiet pożittivi, ***kif ukoll l-effiċjenza tas-sistemi użati,*** jimmassimizzaw il-benefiċċji u jindirizzaw ir-riskji ta' dawk it-teknoloġiji fuq il-post tax-xogħol;

Or. en

Emenda 80
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa K

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
K. billi l-konsultazzjoni u l-involviment ***tal-maniġers, kif ukoll tal-impjegati*** u tar-rappreżentanti tagħhom ***fl-adozzjoni*** ta' teknoloġiji ġodda jsaħħu ***b'mod sinifikanti*** l-aċċettazzjoni u ***l-perċezzjonijiet pożittivi, jimmassimizzaw il-benefiċċji u jindirizzaw ir-riskji ta' dawk it-teknoloġiji*** fuq il-post tax-xogħol;	K. billi l-konsultazzjoni u l-involviment ***tal-ħaddiema*** u tar-rappreżentanti tagħhom ***fl-akkwist, fid-disinn ufir-rieżami ta' wara l-varar*** ta' teknoloġiji ġodda ***jistgħu*** jsaħħu l-aċċettazzjoni u ***l-perċezzjoni pożittiva tal-użu tagħhom*** fuq il-post tax-xogħol***, filwaqt li jippermettu li kwalunkwe riskju relatat jiġi indirizzat matul iċ-ċiklu tal-ħajja teknoloġiku***;

Or. en

Emenda 81
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa K

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
K. billi l-konsultazzjoni u l-involviment tal-maniġers***, kif ukoll tal-impjegati*** u tar-rappreżentanti tagħhom fl-adozzjoni ta' teknoloġiji ġodda jsaħħu b'mod sinifikanti l-aċċettazzjoni u l-perċezzjonijiet pożittivi, jimmassimizzaw il-benefiċċji u jindirizzaw ir-riskji ta' dawk it-teknoloġiji fuq il-post tax-xogħol;	K. billi l-konsultazzjoni u l-involviment ***tas-sħab soċjali,*** tal-maniġers ***u tal-ħaddiema*** u tar-rappreżentanti tagħhom fl-adozzjoni ta' teknoloġiji ġodda jsaħħu b'mod sinifikanti l-aċċettazzjoni u l-perċezzjonijiet pożittivi, jimmassimizzaw il-benefiċċji u jindirizzaw ir-riskji ta' dawk it-teknoloġiji fuq il-post tax-xogħol;

Or. en

Emenda 82
Liesbet Sommen, Andrzej Buła

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa K

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
K. billi l-konsultazzjoni u l-involviment tal-maniġers, kif ukoll tal-impjegati u tar-rappreżentanti tagħhom fl-adozzjoni ta' teknoloġiji ġodda jsaħħu b'mod sinifikanti l-aċċettazzjoni u l-perċezzjonijiet pożittivi, jimmassimizzaw il-benefiċċji u jindirizzaw ir-riskji ta' dawk it-teknoloġiji fuq il-post tax-xogħol;	K. billi l-konsultazzjoni u l-involviment ***rikorrenti*** tal-maniġers, kif ukoll tal-impjegati u tar-rappreżentanti tagħhom fl-adozzjoni ta' teknoloġiji ġodda jsaħħu b'mod sinifikanti l-aċċettazzjoni u l-perċezzjonijiet pożittivi, jimmassimizzaw il-benefiċċji u jindirizzaw ir-riskji ta' dawk it-teknoloġiji fuq il-post tax-xogħol;

Or. en

Emenda 83
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa K

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
K. billi l-konsultazzjoni u l-involviment tal-maniġers, kif ukoll ***tal-impjegati*** u tar-rappreżentanti tagħhom fl-adozzjoni ta' teknoloġiji ġodda jsaħħu b'mod sinifikanti l-aċċettazzjoni u l-perċezzjonijiet pożittivi, jimmassimizzaw il-benefiċċji u jindirizzaw ir-riskji ta' dawk it-teknoloġiji fuq il-post tax-xogħol;	K. billi l-konsultazzjoni u l-involviment tal-maniġers, kif ukoll ***tal-ħaddiema*** u tar-rappreżentanti tagħhom fl-adozzjoni ta' teknoloġiji ġodda jsaħħu b'mod sinifikanti l-aċċettazzjoni u l-perċezzjonijiet pożittivi, jimmassimizzaw il-benefiċċji u jindirizzaw ir-riskji ta' dawk it-teknoloġiji fuq il-post tax-xogħol;

Or. en

Emenda 84
Sérgio Humberto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ka (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ka. billi l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) jirrappreżentaw 99 % tan-negozji kollha fl-Unjoni Ewropea u billi

kwalunkwe regolament futur għandu jqis ir-riżorsi tekniċi u amministrattivi limitati tagħhom, filwaqt li jipprovdi proporzjonalità u jipprevjeni burokrazija eċċessiva li tista' xxekkel l-adozzjoni responsabbli tal-innovazzjoni diġitali;

Or. pt

Emenda 85
Marlena Maląg

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ka (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ka. billi l-impatt tat-teknoloġiji l-ġodda fuq l-ambjent tax-xogħol u l-ksur possibbli tal-privatezza tal-impjegati għandhom jiġu mmonitorjati;

Or. pl

Emenda 86
Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa L

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L. billi l-biċċa l-kbira tal-Ewropej jappoġġjaw regoli dwar it-teknoloġiji diġitali fuq il-post tax-xogħol, b'aktar minn 80 % jappoġġjaw ir-regoli dwar il-protezzjoni tal-privatezza tal-ħaddiema u 77 % jappoġġjaw l-involviment tal-ħaddiema fid-disinn u fl-adattament tat-teknoloġija[11] ;	L. billi l-biċċa l-kbira tal-Ewropej jappoġġjaw regoli dwar it-teknoloġiji diġitali fuq il-post tax-xogħol, b'aktar minn 80 % jappoġġjaw ir-regoli dwar il-protezzjoni tal-privatezza tal-ħaddiema u 77 % jappoġġjaw l-involviment tal-ħaddiema fid-disinn u fl-adattament tat-teknoloġija[11]***, li jwassal għal innovazzjonijiet kompletament ġodda xprunati mid-drittijiet tal-bniedem, speċjalitajiet kompetittivi kif ukoll protettivi u soluzzjonijiet industrijali fis-***

suq uniku Ewropew;

11 https://europa.eu/eurobarometer/surveys/detail/3222

11 https://europa.eu/eurobarometer/surveys/detail/3222

Or. en

Emenda 87
Miriam Lexmann, Christian Ehler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa L

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L. billi ***l-biċċa l-kbira*** tal-Ewropej ***jappoġġjaw regoli dwar it-teknoloġiji diġitali*** fuq il-post tax-xogħol***, b'aktar minn 80 % jappoġġjaw ir-regoli dwar il-protezzjoni tal-privatezza tal-ħaddiema u 77 % jappoġġjaw l-involviment tal-ħaddiema fid-disinn u fl-adattament tat-teknoloġija***[11] ;	L. billi ***aktar minn 80 %*** tal-Ewropej ***jaħsbu li l-IA tirrikjedi ġestjoni bir-reqqa biex tiġi protetta l-privatezza u tiġi żgurata t-trasparenza*** fuq il-post tax-xogħol [11];

11 https://europa.eu/eurobarometer/surveys/detail/3222

11 https://europa.eu/eurobarometer/surveys/detail/3222

Or. en

Emenda 88
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa La (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	La. billi inqas minn nofs dawk li bħalissa għandhom impjieg jgħidu li l-impjegatur tagħhom infurmahom dwar l-użu tat-teknoloġiji diġitali, filwaqt li aktar

minn nofs l-impjegaturi u l-maniġers jirrapportaw li għamlu dan; billi dan il-proporzjon jinkludi 16 % li jgħidu li ġew mgħarrfa b'dan, iżda mingħajr aktar dettalji, u 18 % li jirrapportaw li rċevew spjegazzjoni dettaljata, inkluża informazzjoni dwar il-benefiċċji, l-iżvantaġġi u d-drittijiet tagħhom[1a];

1a

https://europa.eu/eurobarometer/surveys/detail/3222

Or. en

Emenda 89
Leila Chaibi, Anthony Smith, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa La (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	La. billi l-użu ta' algoritmi fuq il-post tax-xogħol għal skopijiet ta' ġestjoni espanda lil hinn mill-għodod tradizzjonali ta' teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzat biex jinkludi teknoloġiji avvanzati bħaċ-chatbots, l-intelliġenza artifiċjali ġenerattiva, is-sistemi ta' detezzjoni bil-kameras, il-magni awtomatizzati, li qed ikollhom dejjem aktar impatt fuq l-organizzazzjoni tax-xogħol u jqajmu tħassib sinifikanti dwar it-trasparenza, l-obbligu ta' rendikont, il-privatezza u drittijiet oħra tal-persuni li jwettqu xogħol;

Or. en

Emenda 90
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa La (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	La. billi l-fornituri tas-sistemi tal-IA, inkluż is-sistemi tal-IA bi skop ġenerali, li jiġġeneraw kontenut ta' awdjo, immaġni, vidjo jew test sintetiku, għandhom jiżguraw li l-outputs tas-sistema tal-IA jiġu mmarkati f'format li jinqara mill-magni u jiġu identifikati bħala ġġenerati jew manipulati b'mod artifiċjali;

Or. en

Emenda 91
Miriam Lexmann, Christian Ehler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa La (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	La. billi fl-2024, l-UE adottat l-Att dwar l-IA, l-ewwel biċċa leġiżlazzjoni tat-tip tagħha dwar l-Intelliġenza Artifiċjali li għadha ma saritx applikabbli bis-sħiħ;

Or. en

Emenda 92
Sérgio Humberto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura -1a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Għoti tas-setgħa lill-ħaddiema bil-ħiliet u l-għarfien

Or. pt

Emenda 93
Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jenfasizza li kull teknoloġija ġdida għandha tiġi varata u użata bl-għan ġenerali li taqdi lin-nies u għandha tiġi ġestita ***mill-persuni*** f'konformità mal-prinċipju inkonfutabbli ta' "bniedem fil-kontroll";	1. Jenfasizza li kull teknoloġija ġdida għandha tiġi varata u użata bl-għan ġenerali li taqdi lin-nies ***kif ukoll f'konformità mal-prinċipji tal-istat tad-dritt*** u għandha tiġi ġestita ***minn persuni legalment responsabbli*** f'konformità mal-prinċipju inkonfutabbli ta' "bniedem fil-kontroll" ***f'mekkaniżmu trasparenti, li jappoġġja l-koerenza legali, l-innovazzjoni teknoloġika u l-protezzjoni effettiva tal-utenti***;

Or. en

Emenda 94
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jenfasizza li kull teknoloġija ġdida għandha tiġi varata u użata bl-għan ġenerali li taqdi lin-nies u għandha tiġi ġestita mill-persuni f'konformità ***mal-prinċipju inkonfutabbli*** ta' ***"bniedem fil-kontroll"***;	1. Jenfasizza li kull teknoloġija ġdida għandha tiġi varata u użata bl-għan ġenerali li taqdi lin-nies u għandha tiġi ġestita mill-persuni f'konformità ***mas-seba' prinċipji elenkati fil-White Paper dwar l-Intelliġenza Artifiċjali: sorveljanza mill-bniedem; robustezza u sikurezza teknika; privatezza u governanza tad-data; trasparenza; diversità, nondiskriminazzjoni u ekwità; benesseri soċjetali u ambjentali, u obbligu ta' rendikont;***

Or. en

Emenda 95
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jenfasizza li ***kull*** teknoloġija ġdida ***għandha*** tiġi varata u użata bl-għan ġenerali li taqdi lin-nies u ***għandha*** tiġi ġestita mill-persuni f'konformità mal-prinċipju inkonfutabbli ta' "bniedem fil-kontroll";	1. Jenfasizza li ***kwalunkwe*** teknoloġija ġdida ***trid*** tiġi varata u użata bl-għan ġenerali li taqdi lin-nies u ***għandha*** tiġi ġestita mill-persuni f'konformità mal-prinċipju inkonfutabbli ta' "bniedem fil-kontroll"***, b'mod partikolari fuq il-post tax-xogħol***;

Or. en

Emenda 96
Sérgio Humberto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jenfasizza li kull teknoloġija ġdida għandha tiġi varata u użata bl-għan ġenerali li taqdi lin-nies u għandha tiġi ġestita mill-persuni f'konformità mal-prinċipju ***inkonfutabbli*** ta' "bniedem fil-kontroll";	1. Jenfasizza li kull teknoloġija ġdida għandha tiġi varata u użata bl-għan ġenerali li taqdi lin-nies u ***li tappoġġja l-innovazzjoni, il-produttività u l-kompetittività u*** għandha tiġi ġestita mill-persuni f'konformità mal-prinċipju ta' "bniedem fil-kontroll"***, billi jiġi applikat il-prinċipju ta' proporzjonalità u vijabbiltà operazzjonali, b'mod partikolari għall-SMEs***;

Or. pt

Emenda 97
Andrea Wechsler, Angelika Winzig, Letizia Moratti, Giusi Princi, Raúl de la Hoz Quintano, Miriam Lexmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jenfasizza li kull teknoloġija ġdida għandha tiġi varata u użata bl-għan ġenerali li taqdi lin-nies u għandha tiġi ġestita mill-persuni f'konformità mal-prinċipju inkonfutabbli ta' "bniedem fil-kontroll";	1. Jenfasizza li kull teknoloġija ġdida għandha tiġi varata u użata bl-għan ġenerali li taqdi lin-nies u għandha tiġi ġestita mill-persuni f'konformità mal-prinċipju inkonfutabbli ta' "bniedem fil-kontroll" ***f'konformità mad-dispożizzjonijiet dwar is-sorveljanza mill-bniedem previsti fl-Artikolu 14 tal-Att dwar l-IA u l-Artikolu 22 tal-GDPR***;

Or. en

Emenda 98
Miriam Lexmann, Christian Ehler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jenfasizza li kull teknoloġija ġdida għandha tiġi varata u użata bl-għan ġenerali li taqdi lin-nies u għandha tiġi ġestita mill-persuni f'konformità mal-prinċipju inkonfutabbli ta' "bniedem fil-kontroll";	1. Jenfasizza li kull teknoloġija ġdida għandha tiġi varata u użata bl-għan ġenerali li taqdi lin-nies u għandha ***tkun xprunata minn prinċipji ta' etika prestabbilita kif ukoll approċċ iċċentrat fuq il-bniedem,*** tiġi ġestita mill-persuni f'konformità mal-prinċipju inkonfutabbli ta' "bniedem fil-kontroll";

Or. en

Emenda 99
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jenfasizza li kull teknoloġija ġdida	1. Jenfasizza li kull teknoloġija ġdida

għandha tiġi varata u użata bl-għan ġenerali li taqdi lin-nies u għandha tiġi ġestita mill-persuni f'konformità mal-prinċipju inkonfutabbli ta' "bniedem fil-kontroll";	għandha tiġi varata u użata bl-għan ġenerali li taqdi lin-nies u għandha tiġi ġestita mill-persuni f'konformità mal-prinċipju inkonfutabbli ta' "bniedem fil-kontroll" ***u l-"prinċipju ta' prekawzjoni"***;

Or. en

Emenda 100
Sérgio Humberto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Għoti tas-setgħa lill-ħaddiema bil-ħiliet u l-għarfien	***imħassar***

Or. pt

Emenda 101
Arba Kokalari, Jörgen Warborn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jisħaq li teknoloġiji ġodda fuq il-post tax-xogħol jistgħu jikkostitwixxu vantaġġ kompetittiv u huma ppruvati li jipprovdu redditu aħjar lill-kumpaniji li jużawhom; jissottolinja f'dan ir-rigward il-fatt li l-kumpaniji għandhom jiġu mħeġġa jintegraw tali teknoloġiji b'mod responsabbli u trasparenti; jisħaq li l-użu ta' tali teknoloġiji fuq il-post tax-xogħol għandu jiġi ssorveljat ***b'mod metikoluż*** aktar milli ristrett, u jenfasizza f'dan ir-rigward il-ħtieġa ta' qafas regolatorju ċar li jiżgura l-kompetizzjoni ġusta u ***jevita*** l-frammentazzjoni tas-suq uniku;	2. Jisħaq li teknoloġiji ġodda fuq il-post tax-xogħol ***bħall-IA*** jistgħu jikkostitwixxu vantaġġ kompetittiv ***importanti*** u huma ppruvati li jipprovdu redditu aħjar lill-kumpaniji li jużawhom; jissottolinja f'dan ir-rigward il-fatt li l-kumpaniji għandhom jiġu mħeġġa jintegraw tali teknoloġiji b'mod responsabbli u trasparenti; jisħaq li l-użu ta' tali teknoloġiji fuq il-post tax-xogħol għandu jiġi ssorveljat ***bir-reqqa*** aktar milli ristrett, u jenfasizza f'dan ir-rigward il-ħtieġa ta' qafas regolatorju ***prevedibbli u*** ċar li ***jsaħħaħ il-kompetittività tal-Ewropa; jisħaq li tali regolament għandu jirrispetta l-mudelli tas-suq tax-xogħol***

	nazzjonali, jevita d-duplikazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti, jiżgura l-kompetizzjoni ġusta u ***jipprevjeni*** l-frammentazzjoni tas-suq uniku; ***jissottolinja li l-leġiżlazzjoni attwali u futura trid tkun soġġetta għal valutazzjonijiet tal-impatt bir-reqqa u tevita spejjeż ta' konformità sproporzjonati, speċjalment għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), filwaqt li tappoġġja l-innovazzjoni u l-adattabbiltà tan-negozji;***

Or. en

Emenda 102
Leila Chaibi, Anthony Smith, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jisħaq li teknoloġiji ġodda fuq il-post tax-xogħol jistgħu jikkostitwixxu vantaġġ kompetittiv u ***huma ppruvati li*** jipprovdu redditu aħjar lill-kumpaniji li jużawhom; jissottolinja f'dan ir-rigward il-fatt li l-kumpaniji għandhom jiġu mħeġġa jintegraw tali teknoloġiji b'mod responsabbli u trasparenti; jisħaq li l-użu ta' tali teknoloġiji fuq il-post tax-xogħol għandu jiġi ssorveljat b'mod metikoluż aktar milli ristrett, u jenfasizza f'dan ir-rigward il-ħtieġa ta' qafas regolatorju ċar li jiżgura l-kompetizzjoni ġusta u jevita l-frammentazzjoni tas-suq uniku;	2. Jisħaq li teknoloġiji ġodda fuq il-post tax-xogħol jistgħu jikkostitwixxu vantaġġ kompetittiv u ***jistgħu*** jipprovdu redditu aħjar lill-kumpaniji li jużawhom***, iżda jistgħu jwasslu wkoll għal impatti negattivi li għad iridu jinftiehmu bis-sħiħ***; jissottolinja f'dan ir-rigward il-fatt li l-kumpaniji għandhom jiġu mħeġġa***, bħala prinċipju fundamentali,*** jintegraw tali teknoloġiji b'mod responsabbli u trasparenti; jisħaq li l-użu ta' tali teknoloġiji fuq il-post tax-xogħol għandu jiġi ssorveljat b'mod metikoluż ***b'regoli ċari stabbiliti fil-livell Ewropew u nazzjonali, u għandu jkun ristrett jekk l-użu jkun ta' ħsara,*** aktar milli ristrett, u jenfasizza f'dan ir-rigward il-ħtieġa ta' qafas regolatorju ċar li jiżgura l-kompetizzjoni ġusta u jevita l-frammentazzjoni tas-suq uniku;

Or. en

Emenda 103
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jisħaq li teknoloġiji ġodda fuq il-post tax-xogħol jistgħu jikkostitwixxu vantaġġ kompetittiv u ***huma ppruvati li*** jipprovdu redditu aħjar lill-kumpaniji li jużawhom; jissottolinja f'dan ir-rigward il-fatt li l-kumpaniji għandhom jiġu mħeġġa jintegraw tali teknoloġiji b'mod responsabbli u trasparenti; jisħaq li l-użu ta' tali teknoloġiji fuq il-post tax-xogħol għandu jiġi ***ssorveljat b'mod metikoluż*** aktar milli ristrett, u jenfasizza f'dan ir-rigward il-ħtieġa ta' qafas ***regolatorju*** ċar li jiżgura ***l-kompetizzjoni ġusta*** u jevita ***l-frammentazzjoni*** tas-suq uniku;	2. Jisħaq li teknoloġiji ġodda fuq il-post tax-xogħol jistgħu jikkostitwixxu vantaġġ kompetittiv u ***jistgħu*** jipprovdu redditu aħjar lill-kumpaniji li jużawhom; jissottolinja f'dan ir-rigward il-fatt li l-kumpaniji għandhom jiġu mħeġġa jintegraw tali teknoloġiji b'mod responsabbli u trasparenti; jisħaq li l-użu ta' tali teknoloġiji fuq il-post tax-xogħol għandu jiġi ***rregolat tajjeb*** aktar milli ristrett, u jenfasizza f'dan ir-rigward il-ħtieġa ta' qafas ***legali*** ċar li jiżgura ***kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, impjiegi ta' kwalità u benesseri, kif ukoll il-kompetizzjoni*** u jevita ***kwalunkwe frammentazzjoni*** tas-suq uniku;

Or. en

Emenda 104
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jisħaq li teknoloġiji ġodda fuq il-post tax-xogħol jistgħu jikkostitwixxu vantaġġ kompetittiv u huma ppruvati li jipprovdu redditu aħjar lill-kumpaniji li jużawhom; jissottolinja f'dan ir-rigward il-fatt li l-kumpaniji għandhom jiġu mħeġġa jintegraw tali teknoloġiji b'mod responsabbli u trasparenti; jisħaq li l-użu ta' tali teknoloġiji fuq il-post tax-xogħol għandu jiġi ssorveljat b'mod metikoluż	2. Jisħaq li teknoloġiji ġodda fuq il-post tax-xogħol jistgħu jikkostitwixxu vantaġġ kompetittiv u huma ppruvati li jipprovdu redditu aħjar lill-kumpaniji li jużawhom; jissottolinja f'dan ir-rigward il-fatt li l-kumpaniji għandhom jiġu mħeġġa jintegraw tali teknoloġiji b'mod responsabbli u trasparenti ***li jgħin lill-ħaddiema jafdaw u jadattaw b'mod inklużiv***; jisħaq li l-użu ta' tali teknoloġiji

aktar milli ristrett, u jenfasizza f'dan ir-rigward il-ħtieġa ta' qafas regolatorju ċar li jiżgura l-kompetizzjoni ġusta ***u*** jevita l-frammentazzjoni tas-suq uniku;

fuq il-post tax-xogħol għandu jiġi ssorveljat b'mod metikoluż aktar milli ristrett, u jenfasizza f'dan ir-rigward il-ħtieġa ta' qafas regolatorju ċar li jiżgura l-kompetizzjoni ġusta u jevita l-frammentazzjoni tas-suq uniku ***u jipprovdi ċarezza għall-ħaddiema u l-kumpaniji Ewropej b'mod partikolari l-SMEs***;

Or. en

Emenda 105
Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimmonitorjaw ***regolarment*** id-domanda u l-provvista fis-suq tax-xogħol, f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali, bil-għan li jantiċipaw aħjar il-ħiliet futuri meħtieġa biex jitħaddan il-potenzjal tat-tranżizzjoni diġitali; jilqa' f'dan ir-rigward il-proposta għall-ħolqien ta' Osservatorju Ewropew tal-Informazzjoni dwar il-Ħiliet;	6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ***jkomplu*** jimmonitorjaw id-domanda u l-provvista ***tas-suq*** tax-xogħol, f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali, bil-għan li jantiċipaw aħjar il-ħiliet futuri meħtieġa biex jitħaddan il-potenzjal tat-tranżizzjoni diġitali; jilqa' f'dan ir-rigward il-proposta għall-ħolqien ta' Osservatorju Ewropew tal-Informazzjoni dwar il-Ħiliet;

Or. en

Emenda 139
Angelika Winzig, Andrea Wechsler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jenfasizza li, f'konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u r-rispett għas-sistemi nazzjonali tar-relazzjonijiet industrijali, l-Istati Membri bi strutturi ta' djalogu soċjali li jiffunzjonaw tajjeb għandhom ikunu jistgħu jimplimentaw kwalunkwe proposta leġiżlattiva futura permezz ta' mekkaniżmi ta' kooperazzjoni eżistenti bejn l-impjegaturi u r-rappreżentanti tal-ħaddiema, dment li dawn jissodisfaw l-għanijiet ta' trasparenza u konsultazzjoni sinifikattivi;

Or. en

Emenda 140
Andrea Wechsler, Angelika Winzig, Letizia Moratti, Giusi Princi, Raúl de la Hoz Quintano, Henrik Dahl, Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jinsab imħasseb li l-użu tal-IA u tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika qed jikkontribwixxi għat-tneħħija gradwali tal-impjiegi fil-livell tad-dħul, li tradizzjonalment iservu bħala punt ta' aċċess essenzjali għas-suq tax-xogħol; jissottolinja l-fatt li din ix-xejra tirriskja li taffettwa b'mod sproporzjonat liż-żgħażagħ u lill-persuni li qed ifittxu impjieg għall-ewwel darba; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri proattivi biex jiżguraw li ż-żgħażagħ li jidħlu fis-suq tax-xogħol jiġu appoġġjati b'mod adegwat u jingħataw opportunitajiet ta' impjieg sinifikattiv fl-ekonomija diġitali li qed tevolvi;	***imħassar***

Or. en

Emenda 141
Arba Kokalari, Jörgen Warborn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. ***Jinsab imħasseb*** li ***l-użu*** tal-IA u tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika qed jikkontribwixxi għat-tneħħija gradwali tal-impjiegi fil-livell tad-dħul, li tradizzjonalment iservu bħala punt ta' aċċess essenzjali għas-suq tax-xogħol; jissottolinja l-fatt li din ix-xejra tirriskja li taffettwa b'mod sproporzjonat liż-żgħażagħ u lill-persuni li qed ifittxu impjieg għall-ewwel darba; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri proattivi biex jiżguraw li ż-żgħażagħ li jidħlu fis-suq tax-xogħol jiġu appoġġjati b'mod adegwat u jingħataw opportunitajiet ta' impjieg sinifikattiv fl-ekonomija diġitali li qed	7. ***Jinnota*** li ***l-UE tista' ma tiksibx il-benefiċċji tal-użu*** tal-IA u tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika qed jikkontribwixxi għat-tneħħija gradwali tal-impjiegi fil-livell tad-dħul, li tradizzjonalment iservu bħala punt ta' aċċess essenzjali għas-suq tax-xogħol; jissottolinja l-fatt li din ix-xejra tirriskja li taffettwa b'mod sproporzjonat liż-żgħażagħ u lill-persuni li qed ifittxu impjieg għall-ewwel darba; ***jisħaq li l-IA u t-tranżizzjoni diġitali jistgħu fl-istess ħin joħolqu tipi ġodda ta' impjiegi u perkorsi tal-karriera fil-livell tad-dħul, speċjalment fl-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju;*** jistieden għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri proattivi**,**

tevolvi;

inkluża l-integrazzjoni tat-taħriġ fil-ħiliet diġitali rilevanti fis-sistemi edukattivi nazzjonali, biex jiżguraw li ż-żgħażagħ li jidħlu fis-suq tax-xogħol jiġu appoġġjati b'mod adegwat u jingħataw opportunitajiet ta' impjieg sinifikattiv fl-ekonomija diġitali li qed tevolvi;

Or. en

Emenda 142
Henrik Dahl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jinsab imħasseb li ***l-użu*** tal-IA u tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika ***qed jikkontribwixxi għat-tneħħija gradwali*** tal-impjiegi fil-livell tad-dħul, li tradizzjonalment iservu bħala punt ta' aċċess essenzjali għas-suq tax-xogħol; ***jissottolinja l-fatt li din ix-xejra tirriskja li taffettwa b'mod sproporzjonat liż-żgħażagħ u lill-persuni li qed ifittxu impjieg għall-ewwel darba***; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri proattivi biex jiżguraw li ż-żgħażagħ li jidħlu fis-suq tax-xogħol jiġu appoġġjati b'mod adegwat u jingħataw opportunitajiet ta' impjieg sinifikattiv fl-ekonomija diġitali li qed tevolvi;	7. Jinsab imħasseb li ***l-UE mhux se tikseb il-benefiċċji*** tal-IA u tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika ***fil-ħolqien u t-tfassil mill-ġdid tal-impjiegi*** fil-livell tad-dħul, li tradizzjonalment iservu bħala punt ta' aċċess essenzjali għas-suq tax-xogħol***, jinnota li sa issa ftit hemm evidenza ta' effetti negattivi sinifikanti fuq l-impjiegi minħabba l-IA[1a]; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat, b'mod partikolari, li l-ħaddiema fil-livell tad-dħul u b'livell baxx ta' ħiliet ikollhom il-ħiliet meħtieġa biex jindirizzaw b'suċċess iż-żieda fix-xogħol mistenni b'mod speċjali mill-IA ġenerattiva;[1b]*** jistieden għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri proattivi biex jiżguraw li ż-żgħażagħ li jidħlu fis-suq tax-xogħol ***u x-xogħol b'livell baxx ta' ħiliet f'setturi speċjalment esposti għaż-żieda fl-impjiegi mill-IA*** jiġu appoġġjati b'mod adegwat u jingħataw opportunitajiet ta' impjieg sinifikattiv fl-ekonomija diġitali li qed tevolvi;
	[1a] OECD (2023), OECD Employment Outlook 2023: Artificial Intelligence and the Labour Market (Prospetti tal-OECD

dwar l-Impjiegi 2023: L-Intelliġenza Artifiċjali u s-Suq tax-Xogħol), OECD Publishing, Pariġi, https://doi.org/10.1787/08785bba-en.

[1b] Gmyrek, P., Berg, J., Bescond, D. Generative AI and jobs: A global analysis of potential effects on job quantity and quality (IA ġenerattiva u impjiegi: Analiżi globali tal-effetti potenzjali fuq il-kwantità u l-kwalità tal-impjiegi). Dokument ta' Ħidma tal-ILO 96. Ġinevra: L-Uffiċċju Internazzjonali tax-Xogħol, 2023.

Or. en

Emenda 143
Leila Chaibi, Anthony Smith, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jinsab imħasseb li l-użu tal-IA u tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika qed jikkontribwixxi għat-tneħħija gradwali tal-impjiegi fil-livell tad-dħul, li tradizzjonalment iservu bħala punt ta' aċċess essenzjali għas-suq tax-xogħol; jissottolinja l-fatt li din ix-xejra tirriskja li taffettwa b'mod sproporzjonat liż-żgħażagħ u lill-persuni li qed ifittxu impjieg għall-ewwel darba; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri proattivi biex jiżguraw li ż-żgħażagħ li jidħlu fis-suq tax-xogħol jiġu appoġġjati b'mod adegwat u jingħataw opportunitajiet ta' impjieg sinifikattiv fl-ekonomija diġitali li qed tevolvi;	7. Jinsab imħasseb li l-użu tal-IA u tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika qed jikkontribwixxi għat-tneħħija gradwali tal-impjiegi fil-livell tad-dħul, li tradizzjonalment iservu bħala punt ta' aċċess essenzjali għas-suq tax-xogħol; jissottolinja l-fatt li din ix-xejra tirriskja li taffettwa b'mod sproporzjonat liż-żgħażagħ u lill-persuni li qed ifittxu impjieg għall-ewwel darba; ***jissottolinja li l-impatt sħiħ mhux magħruf tal-evoluzzjoni tal-IA u l-ġestjoni algoritmika diġà qed jaffettwa tipi oħra ta' xogħol u kategoriji oħra ta' ħaddiema wkoll, inklużi l-impjiegi b'ħiliet għolja[1a];*** jistieden għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri proattivi biex jiżguraw li ż-żgħażagħ li jidħlu fis-suq tax-xogħol jiġu appoġġjati b'mod adegwat u jingħataw opportunitajiet ta' impjieg sinifikattiv fl-ekonomija diġitali li qed tevolvi;

[1a] OECD (2023), OECD Employment Outlook 2023: Artificial Intelligence and the Labour Market (Prospetti tal-OECD dwar l-Impjiegi 2023: L-Intelliġenza Artifiċjali u s-Suq tax-Xogħol), OECD Publishing, Pariġi, https://doi.org/10.1787/08785bba-en.

Or. en

Emenda 144
Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jinsab imħasseb li l-użu tal-IA u tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika qed jikkontribwixxi għat-tneħħija gradwali tal-impjiegi fil-livell tad-dħul, li tradizzjonalment iservu bħala punt ta' aċċess essenzjali għas-suq tax-xogħol; jissottolinja l-fatt li din ix-xejra tirriskja li taffettwa b'mod sproporzjonat liż-żgħażagħ u lill-persuni li qed ifittxu impjieg għall-ewwel darba; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri proattivi biex jiżguraw li ż-żgħażagħ li jidħlu fis-suq tax-xogħol jiġu appoġġjati b'mod adegwat u jingħataw opportunitajiet ta' impjieg sinifikattiv fl-ekonomija diġitali li qed tevolvi;	7. Jinsab imħasseb li l-użu tal-IA u tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika qed jikkontribwixxi għat-tneħħija gradwali tal-impjiegi fil-livell tad-dħul ***u b'hekk in-nuqqas ta' provvista ta' ħaddiema Ewropej potenzjali kwalifikati kif xieraq***, li tradizzjonalment iservu bħala punt ta' aċċess essenzjali għas-suq tax-xogħol; jissottolinja l-fatt li din ix-xejra tirriskja li taffettwa b'mod sproporzjonat liż-żgħażagħ u lill-persuni li qed ifittxu impjieg għall-ewwel darba; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri proattivi biex jiżguraw li ż-żgħażagħ li jidħlu fis-suq tax-xogħol jiġu appoġġjati b'mod adegwat u jingħataw opportunitajiet ta' impjieg sinifikattiv fl-ekonomija diġitali li qed tevolvi;

Or. en

Emenda 145
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jinsab imħasseb li l-użu tal-IA u tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika ***qed*** jikkontribwixxi għat-tneħħija gradwali tal-impjiegi fil-livell tad-dħul, li tradizzjonalment iservu bħala punt ta' aċċess essenzjali għas-suq tax-xogħol; jissottolinja l-fatt li din ***ix-xejra*** tirriskja li taffettwa ***b'mod sproporzjonat*** liż-żgħażagħ u lill-persuni li qed ifittxu impjieg għall-ewwel darba; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri proattivi biex jiżguraw li ż-żgħażagħ li jidħlu fis-suq tax-xogħol jiġu appoġġjati b'mod adegwat u jingħataw opportunitajiet ta' impjieg sinifikattiv fl-ekonomija diġitali li qed tevolvi;	7. Jinsab imħasseb li l-użu tal-IA u tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika ***jista'*** jikkontribwixxi għat-tneħħija gradwali tal-impjiegi fil-livell tad-dħul, li tradizzjonalment iservu bħala punt ta' aċċess essenzjali għas-suq tax-xogħol; jissottolinja l-fatt li din tirriskja li taffettwa liż-żgħażagħ u lill-persuni li qed ifittxu impjieg għall-ewwel darba ***b'mod sproporzjonat***; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri proattivi biex jiżguraw li ż-żgħażagħ li jidħlu fis-suq tax-xogħol jiġu appoġġjati b'mod adegwat u jingħataw opportunitajiet ta' impjieg sinifikattiv fl-ekonomija diġitali li qed tevolvi;

Or. en

Emenda 146
Andrea Wechsler, Angelika Winzig, Letizia Moratti, Giusi Princi, Raúl de la Hoz Quintano, Henrik Dahl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jisħaq li l-użu dejjem akbar tat-teknoloġiji diġitali fuq il-post tax-xogħol, inklużi l-għodod li jippermettu l-konnettività kostanti kif ukoll il-monitoraġġ u s-sorveljanza f'ħin reali, joħolqu bosta riskji għas-saħħa mentali tal-ħaddiema billi jċajpru l-konfini bejn il-ħajja professjonali u dik privata; jissottolinja l-fatt li tali żviluppi jistgħu jwasslu għal stress eċċessiv relatat max-xogħol, burnout, deterjorament tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u sentiment dejjem akbar ta' iżolament	***imħassar***

soċjali;

Or. en

Emenda 147
Arba Kokalari, Jörgen Warborn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jisħaq li l-użu dejjem akbar tat-teknoloġiji diġitali fuq il-post tax-xogħol, inklużi l-għodod li jippermettu l-konnettività kostanti kif ukoll il-monitoraġġ u s-sorveljanza f'ħin reali, joħolqu bosta riskji għas-saħħa mentali tal-ħaddiema billi jċajpru l-konfini bejn il-ħajja professjonali u dik privata; jissottolinja l-fatt li tali żviluppi jistgħu jwasslu għal stress eċċessiv relatat max-xogħol, burnout, deterjorament tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u sentiment dejjem akbar ta' iżolament soċjali;	8. Jisħaq li l-użu dejjem akbar tat-teknoloġiji diġitali fuq il-post tax-xogħol, inklużi l-għodod li jippermettu l-konnettività kostanti kif ukoll il-monitoraġġ u s-sorveljanza f'ħin reali, ***jippreżenta kemm opportunitajiet kif ukoll sfidi; minn naħa waħda, tali teknoloġiji jistgħu jżidu l-flessibbiltà u l-effiċjenza u jippermettu bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata permezz ta' xogħol mill-bogħod u skedi tax-xogħol flessibbli; min-naħa l-oħra*** joħolqu bosta riskji għas-saħħa mentali tal-ħaddiema billi jċajpru l-konfini bejn il-ħajja professjonali u dik privata; jissottolinja l-fatt li***, jekk ma jiġux ġestiti kif suppost,*** tali żviluppi jistgħu jwasslu għal stress eċċessiv relatat max-xogħol, burnout, deterjorament tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u sentiment dejjem akbar ta' iżolament soċjali;

Or. en

Emenda 148
Miriam Lexmann, Christian Ehler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jisħaq li l-użu dejjem akbar tat-teknoloġiji diġitali ***fuq il-post tax-xogħol***,	8. Jisħaq li l-użu dejjem akbar tat-teknoloġiji diġitali, ***il-konnettività*** kostanti

inklużi l-għodod li jippermettu l-konnettività kostanti ***kif ukoll il-monitoraġġ u s-sorveljanza f'ħin reali, joħolqu bosta riskji għas-saħħa mentali tal-ħaddiema billi jċajpru l-konfini*** bejn il-ħajja professjonali u dik privata***;*** ***jissottolinja l-fatt li tali żviluppi*** jistgħu jwasslu għal stress ***eċċessiv relatat max-xogħol***, burnout, deterjorament tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u sentiment dejjem akbar ta' iżolament soċjali;	***u l-fatt li l-konfini*** bejn il-ħajja professjonali u dik privata ***jsiru inqas distinti*** jistgħu jwasslu għal ***aktar*** stress, burnout, deterjorament tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u sentiment dejjem akbar ta' iżolament soċjali;

Or. en

Emenda 149
Leila Chaibi, Anthony Smith, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jisħaq li l-użu dejjem akbar tat-teknoloġiji diġitali fuq il-post tax-xogħol, inklużi l-għodod li jippermettu l-konnettività kostanti kif ukoll il-monitoraġġ u s-sorveljanza f'ħin reali, joħolqu bosta riskji għas-saħħa mentali tal-ħaddiema billi jċajpru l-konfini bejn il-ħajja professjonali u dik privata; jissottolinja l-fatt li tali żviluppi jistgħu jwasslu għal stress eċċessiv relatat max-xogħol, burnout, deterjorament tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u sentiment dejjem akbar ta' iżolament soċjali;	8. Jisħaq li l-użu dejjem akbar tat-teknoloġiji diġitali fuq il-post tax-xogħol, inklużi l-għodod li jippermettu l-konnettività kostanti kif ukoll il-monitoraġġ u s-sorveljanza f'ħin reali, joħolqu bosta riskji għas-saħħa mentali tal-ħaddiema ***min-natura tal-ġestjoni algoritmika*** billi jċajpru l-konfini bejn il-ħajja professjonali u dik privata; jissottolinja l-fatt li tali żviluppi jistgħu jwasslu għal stress eċċessiv relatat max-xogħol, burnout, deterjorament tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata***, iż-żieda ta' riskji psikosoċjali relatati max-xogħol*** u sentiment dejjem akbar ta' iżolament soċjali;

Or. en

Emenda 150
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jisħaq li l-użu dejjem akbar tat-teknoloġiji diġitali fuq il-post tax-xogħol, inklużi l-għodod li jippermettu l-konnettività kostanti kif ukoll il-monitoraġġ u s-sorveljanza f'ħin reali, joħolqu bosta riskji għas-saħħa mentali tal-ħaddiema ***billi jċajpru l-konfini*** bejn il-ħajja professjonali u dik privata; jissottolinja l-fatt li tali żviluppi jistgħu jwasslu għal stress eċċessiv relatat max-xogħol, burnout, deterjorament tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u sentiment dejjem akbar ta' iżolament soċjali;	8. Jisħaq li l-użu dejjem akbar tat-teknoloġiji diġitali fuq il-post tax-xogħol, inklużi l-għodod li jippermettu l-konnettività kostanti kif ukoll il-monitoraġġ u s-sorveljanza f'ħin reali, joħolqu bosta riskji għas-saħħa mentali tal-ħaddiema***, inkluż il-fatt li l-konfini*** bejn il-ħajja professjonali u dik privata ***jsiru inqas distinti***; jissottolinja l-fatt li tali żviluppi jistgħu jwasslu għal stress eċċessiv relatat max-xogħol, burnout, ***prevalenza akbar ta' riskji psikosoċjali relatati max-xogħol,*** deterjorament tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u sentiment dejjem akbar ta' iżolament soċjali ***u professjonali***;

Or. en

Emenda 151
Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jisħaq li l-użu dejjem akbar tat-teknoloġiji diġitali fuq il-post tax-xogħol, inklużi l-għodod li jippermettu l-konnettività kostanti kif ukoll il-monitoraġġ u s-sorveljanza f'ħin reali, joħolqu bosta riskji għas-saħħa mentali tal-ħaddiema billi jċajpru l-konfini bejn il-ħajja professjonali u dik privata; jissottolinja l-fatt li tali żviluppi jistgħu jwasslu għal stress eċċessiv relatat max-xogħol, burnout, deterjorament tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u sentiment dejjem akbar ta' iżolament soċjali;	8. Jisħaq li l-użu dejjem akbar tat-teknoloġiji diġitali fuq il-post tax-xogħol, inklużi l-għodod li jippermettu l-konnettività kostanti kif ukoll il-monitoraġġ u s-sorveljanza f'ħin reali, joħolqu bosta riskji għas-saħħa mentali ***kif ukoll għall-produttività*** tal-ħaddiema billi jċajpru l-konfini bejn il-ħajja professjonali u dik privata; jissottolinja l-fatt li tali żviluppi jistgħu jwasslu għal stress eċċessiv relatat max-xogħol, burnout, ***radikalizzazzjoni politika kif ukoll*** deterjorament tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u sentiment dejjem akbar ta'

	iżolament soċjali;

Or. en

Emenda 152
Liesbet Sommen, Andrzej Buła

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jisħaq li l-użu dejjem akbar tat-teknoloġiji diġitali fuq il-post tax-xogħol, inklużi l-għodod li jippermettu l-konnettività kostanti kif ukoll il-monitoraġġ u s-sorveljanza f'ħin reali, joħolqu bosta riskji għas-saħħa mentali tal-ħaddiema billi jċajpru l-konfini bejn il-ħajja professjonali u dik privata; jissottolinja l-fatt li tali żviluppi jistgħu jwasslu għal stress eċċessiv relatat max-xogħol, burnout, deterjorament tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u sentiment dejjem akbar ta' iżolament soċjali;	8. Jisħaq li l-użu dejjem akbar tat-teknoloġiji diġitali fuq il-post tax-xogħol, inklużi l-għodod li jippermettu l-konnettività kostanti kif ukoll il-monitoraġġ u s-sorveljanza f'ħin reali, joħolqu bosta riskji għas-saħħa mentali tal-ħaddiema billi jċajpru l-konfini bejn il-ħajja professjonali u dik privata; jissottolinja l-fatt li tali żviluppi jistgħu jwasslu għal stress eċċessiv relatat max-xogħol, burnout, ***telf tal-awtonomija,*** deterjorament tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u sentiment dejjem akbar ta' iżolament soċjali;

Or. en

Emenda 153
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jisħaq li l-użu dejjem akbar tat-teknoloġiji diġitali fuq il-post tax-xogħol, inklużi l-għodod li jippermettu l-konnettività kostanti kif ukoll il-monitoraġġ u s-sorveljanza f'ħin reali, joħolqu bosta riskji għas-saħħa mentali tal-ħaddiema billi jċajpru l-konfini bejn il-	8. Jisħaq li l-użu dejjem akbar tat-teknoloġiji diġitali fuq il-post tax-xogħol, inklużi l-għodod li jippermettu l-konnettività kostanti kif ukoll il-monitoraġġ u s-sorveljanza f'ħin reali, joħolqu bosta riskji għas-saħħa mentali tal-ħaddiema billi jċajpru l-konfini bejn il-

ħajja professjonali u dik privata; jissottolinja l-fatt li tali żviluppi jistgħu jwasslu għal stress eċċessiv relatat max-xogħol, burnout, deterjorament tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u sentiment dejjem akbar ta' iżolament soċjali;	ħajja professjonali u dik privata; jissottolinja l-fatt li tali żviluppi jistgħu jwasslu għal stress eċċessiv relatat max-xogħol, burnout, deterjorament tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u sentiment dejjem akbar ta' iżolament soċjali ***u professjonali***;

Or. en

Emenda 154
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jisħaq bil-qawwa li t-tfassil, il-varar u l-użu tal-IA u tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika jridu jindirizzaw b'mod attiv l-prevenzjoni ta' preġudizzji u eżiti diskriminatorji, b'mod partikolari dawk ibbażati fuq il-ġeneru, l-oriġini razzjali jew etnika, l-età, id-diżabbiltà, l-orjentazzjoni sesswali jew karatteristiċi protetti oħra, sabiex tiġi promossa l-ugwaljanza u tiġi ssalvagwardjata d-diversità fuq il-post tax-xogħol;

Or. en

Emenda 155
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jirrikonoxxi li l-ġestjoni algoritmika tista' żżid il-pressjoni tal-prestazzjoni li tista' twassal għal riskji serji għas-saħħa u s-sikurezza, bħal disturbi	9. Jirrikonoxxi li l-ġestjoni algoritmika tista' żżid il-pressjoni tal-prestazzjoni li tista' twassal għal riskji serji għas-saħħa u s-sikurezza, bħal disturbi

muskoloskeletali u kardjovaskulari jew eżawriment, li jwasslu biex il-ħaddiema jinjoraw jew ma jagħtux kas it-twissijiet ta' sikurezza, u dan iżid b'mod sinifikanti r-riskju ta' aċċidenti fuq il-post tax-xogħol;	muskoloskeletali u kardjovaskulari jew eżawriment, li jwasslu biex il-ħaddiema jinjoraw jew ma jagħtux kas it-twissijiet ta' sikurezza, u dan iżid b'mod sinifikanti r-riskju ta' aċċidenti fuq il-post tax-xogħol; ***jirrikonoxxi li l-ġestjoni algoritmika hija sors ta' diskriminazzjoni u preġudizzju detrimentali għall-ħaddiema u b'mod partikolari għall-ħaddiema nisa; iqis ukoll li l-użu ta' sistemi ta' ġestjoni algoritmika jista' jwassal għal telf tal-awtonomija tal-ħaddiema u jista' jnaqqas il-fiduċja bejn il-ħaddiema u l-maniġment; jinsab imħasseb li l-ġestjoni algoritmika tinvolvi riskji għall-protezzjoni tad-data, inklużi sorveljanza żejda u l-monitoraġġ tal-ħaddiema barra mill-post tax-xogħol;***

Or. en

Emenda 156
Leila Chaibi, Anthony Smith, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jirrikonoxxi li l-ġestjoni algoritmika tista' żżid il-pressjoni tal-prestazzjoni li tista' twassal għal riskji serji għas-saħħa u s-sikurezza, bħal disturbi muskoloskeletali u kardjovaskulari jew eżawriment, li jwasslu biex il-ħaddiema jinjoraw jew ma jagħtux kas it-twissijiet ta' sikurezza, u dan iżid b'mod sinifikanti r-riskju ta' aċċidenti fuq il-post tax-xogħol;	9. Jirrikonoxxi li l-ġestjoni algoritmika tista' żżid il-pressjoni tal-prestazzjoni ***mis-sistema nnifisha u mill-impjegatur*** li tista' twassal għal riskji serji għas-saħħa u s-sikurezza, bħal disturbi muskoloskeletali u kardjovaskulari jew eżawriment, li jwasslu biex il-ħaddiema jinjoraw jew ma jagħtux kas it-twissijiet ta' sikurezza, u dan iżid b'mod sinifikanti r-riskju ta' aċċidenti fuq il-post tax-xogħol; ***jenfasizza li d-Direttiva Qafas dwar is-saħħa u s-sigurtà (89/391/KEE) tpoġġi r-responsabbiltà tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq l-impjegatur, iżda madankollu ma tkunx biżżejjed anke jekk tiġi implimentata bis-sħiħ;***

Or. en

Emenda 157
Miriam Lexmann, Christian Ehler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jirrikonoxxi li l-ġestjoni algoritmika tista' żżid il-pressjoni tal-prestazzjoni li tista' twassal għal riskji serji għas-saħħa u s-sikurezza, bħal disturbi muskoloskeletali u kardjovaskulari jew eżawriment***, li jwasslu biex il-ħaddiema jinjoraw jew ma jagħtux kas it-twissijiet ta' sikurezza, u dan iżid b'mod sinifikanti r-riskju ta' aċċidenti fuq il-post tax-xogħol***;	9. Jirrikonoxxi li l-ġestjoni algoritmika tista' żżid il-pressjoni tal-prestazzjoni li tista' twassal għal riskji serji għas-saħħa u s-sikurezza, bħal disturbi muskoloskeletali u kardjovaskulari jew eżawriment;

Or. en

Emenda 158
Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jirrikonoxxi li l-ġestjoni algoritmika tista' żżid il-pressjoni tal-prestazzjoni li tista' twassal għal riskji serji għas-saħħa u s-sikurezza, bħal disturbi muskoloskeletali u kardjovaskulari jew eżawriment, li jwasslu biex il-ħaddiema jinjoraw jew ma jagħtux kas it-twissijiet ta' sikurezza, u dan iżid b'mod sinifikanti r-riskju ta' aċċidenti fuq il-post tax-xogħol;	9. Jirrikonoxxi li l-ġestjoni algoritmika tista' żżid il-pressjoni ***għall-interess propju*** tal-prestazzjoni li tista' twassal għal riskji serji għas-saħħa u s-sikurezza ***li jeqirdu wkoll kemm il-produttività tal-ħaddiema kif ukoll tal-kumpanija***, bħal disturbi muskoloskeletali u kardjovaskulari jew eżawriment, li jwasslu biex il-ħaddiema jinjoraw jew ma jagħtux kas it-twissijiet ta' sikurezza, u dan iżid b'mod sinifikanti r-riskju ta' aċċidenti fuq il-post tax-xogħol;

Or. en

Emenda 159
Arba Kokalari, Jörgen Warborn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jirrikonoxxi li l-ġestjoni algoritmika tista' ***żżid*** il-pressjoni tal-prestazzjoni li tista' twassal għal riskji serji għas-saħħa u s-sikurezza, ***bħal disturbi muskoloskeletali u kardjovaskulari jew eżawriment, li jwasslu biex il-ħaddiema jinjoraw jew ma jagħtux kas it-twissijiet ta' sikurezza, u dan iżid b'mod sinifikanti r-riskju ta' aċċidenti fuq il-post tax-xogħol***;	9. Jirrikonoxxi li l-ġestjoni algoritmika tista' ***twassal għal operazzjoni aktar effettiva u kundizzjonijiet imtejba fuq il-post tax-xogħol għall-impjegati, iżda tista' wkoll iżżid*** il-pressjoni tal-prestazzjoni li tista' twassal għal riskji serji għas-saħħa u s-sikurezza ***tal-ħaddiema***;

Or. en

Emenda 160
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jirrikonoxxi li l-ġestjoni algoritmika tista' żżid il-pressjoni tal-prestazzjoni li tista' twassal għal riskji serji għas-saħħa u s-sikurezza, bħal disturbi muskoloskeletali u kardjovaskulari jew eżawriment, li jwasslu biex il-ħaddiema jinjoraw jew ma jagħtux kas it-twissijiet ta' sikurezza, u dan iżid b'mod sinifikanti r-riskju ta' aċċidenti fuq il-post tax-xogħol;	9. Jirrikonoxxi li l-ġestjoni algoritmika tista' żżid il-pressjoni tal-prestazzjoni li tista' twassal għal riskji serji għas-saħħa u s-sikurezza, bħal disturbi muskoloskeletali u kardjovaskulari jew eżawriment ***mentali jew fiżiku***, li jwasslu biex il-ħaddiema jinjoraw jew ma jagħtux kas it-twissijiet ta' sikurezza, u dan iżid b'mod sinifikanti r-riskju ta' aċċidenti fuq il-post tax-xogħol;

Or. en

Emenda 161
Liesbet Sommen, Andrzej Buła

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jenfasizza li l-għodod tal-IA jew is-sistemi ta' ġestjoni algoritmika jistgħu jippermettu aġġustamenti individwalizzati tajbin għas-saħħa għall-ambjenti tax-xogħol, bħall-ottimizzazzjoni tat-tidwil għall-kumditàviživa jew l-aġġustament tal-għoli tal-iskrivanija, u jistgħu jiffaċilitaw imġiba tax-xogħol aktar tajba għas-saħħa, inkluż iż-żamma ta' pożizzjoni xierqa; jisħaq li l-perspettivi tal-ħaddiema dwar l-inkorporazzjoni tal-IA fl-ispazji tax-xogħol tal-uffiċċji fil-biċċa l-kbira tagħhom mhumiex esplorati;

Or. en

Emenda 162
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jisħaq li l-utenti tal-IA fuq il-post tax-xogħol għandhom probabbiltà akbar li jkunu rġiel u b'edukazzjoni fil-livell universitarju; jinsab imħasseb li n-nisa u l-ħaddiema b'livell baxx ta' edukazzjoni għandhom inqas aċċess għal opportunitajiet ta' impjieg relatati mal-IA u għal għodod tal-IA li jtejbu l-produttività fuq il-post tax-xogħol, li jista' jipprevjeni l-kondiviżjoni b'mod wiesa' u ġust tal-benefiċċji tal-IA;

Or. en

Emenda 163
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jissottolinja l-fatt li dawk ir-riskji għandhom jiġu indirizzati b'mod komprensiv u li kwalunkwe varar ġdid jew bidla sinifikanti tal-għodod tal-IA jew tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol għandhom ikunu soġġetti għal ***valutazzjoni*** tas-saħħa u s-sikurezza u monitoraġġ kontinwu; iħeġġeġ lill-Istati Membri, f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali, jiżviluppaw gwida speċifika għas-settur dwar l-użu responsabbli tal-IA fuq il-post tax-xogħol u jiskambjaw l-aħjar prattiki;	10. Jissottolinja l-fatt li dawk ir-riskji għandhom jiġu indirizzati b'mod komprensiv u li kwalunkwe varar ġdid jew bidla sinifikanti ***fl-użu*** tal-għodod tal-IA jew tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol għandhom ikunu soġġetti għal ***valutazzjonijiet*** tas-saħħa u s-sikurezza ***u tad-drittijiet fundamentali*** u monitoraġġ kontinwu***; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' obbligu li jiġu żgurati miżuri b'saħħithom ta' evalwazzjoni, prevenzjoni u protezzjoni tar-riskju li għandhom jittieħdu fir-rigward tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali tal-ħaddiema u l-użu tagħhom tal-ġestjoni algoritmika u l-IA fuq il-post tax-xogħol;*** iħeġġeġ lill-Istati Membri, f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali, jiżviluppaw gwida speċifika għas-settur dwar l-użu responsabbli tal-IA fuq il-post tax-xogħol u jiskambjaw l-aħjar prattiki;

Or. en

Emenda 164
Arba Kokalari

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jissottolinja l-fatt li dawk ir-riskji għandhom jiġu indirizzati b'mod komprensiv u li kwalunkwe varar ġdid jew bidla sinifikanti tal-għodod tal-IA jew tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika fuq il-post	10. Jissottolinja l-fatt li dawk ir-riskji għandhom jiġu indirizzati b'mod komprensiv u li kwalunkwe varar ġdid jew bidla sinifikanti tal-għodod tal-IA jew tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika fuq il-post

tax-xogħol ***għandhom ikunu*** soġġetti għal valutazzjoni tas-saħħa u s-sikurezza u monitoraġġ kontinwu; iħeġġeġ lill-Istati Membri, f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali, jiżviluppaw gwida speċifika għas-settur dwar l-użu responsabbli tal-IA fuq il-post tax-xogħol u jiskambjaw l-aħjar prattiki;	tax-xogħol ***jistgħu jkunu*** soġġetti għal valutazzjoni tas-saħħa u s-sikurezza ***f'konformità mad-Direttiva Qafas dwar is-Saħħa u s-Sigurtà (89/391/EEC)*** u monitoraġġ kontinwu; iħeġġeġ lill-Istati Membri, f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali, ***f'livell Ewropew jew nazzjonali xieraq*** jiżviluppaw gwida speċifika għas-settur dwar l-użu responsabbli tal-IA fuq il-post tax-xogħol u jiskambjaw l-aħjar prattiki;

Or. en

Emenda 165
Liesbet Sommen, Andrzej Buła

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jissottolinja l-fatt li dawk ir-riskji għandhom jiġu indirizzati b'mod komprensiv u li kwalunkwe varar ġdid jew bidla sinifikanti tal-għodod tal-IA jew tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni tas-saħħa u s-sikurezza u monitoraġġ kontinwu; iħeġġeġ lill-Istati Membri, f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali, jiżviluppaw gwida speċifika għas-settur dwar l-użu responsabbli tal-IA fuq il-post tax-xogħol u jiskambjaw l-aħjar prattiki;	10. Jissottolinja l-fatt li dawk ir-riskji għandhom jiġu indirizzati b'mod komprensiv u li kwalunkwe varar ġdid jew bidla sinifikanti tal-għodod tal-IA jew tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni tas-saħħa u s-sikurezza u monitoraġġ kontinwu, ***fid-dawl tal-aħħar għarfien xjentifiku, u biex jiġu żgurati s-sorveljanza u l-kontroll mill-bniedem ta' dawk il-valutazzjonijiet;*** iħeġġeġ lill-Istati Membri, f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali, jiżviluppaw gwida speċifika għas-settur dwar l-użu responsabbli tal-IA fuq il-post tax-xogħol u jiskambjaw l-aħjar prattiki;

Or. en

Emenda 166
Andrea Wechsler, Angelika Winzig, Letizia Moratti, Giusi Princi, Raúl de la Hoz Quintano, Miriam Lexmann, Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. ***Jissottolinja l-fatt li dawk*** ir-riskji ***għandhom jiġu indirizzati b'mod komprensiv u li kwalunkwe varar ġdid jew bidla sinifikanti tal-għodod tal-IA jew tas-sistemi ta' ġestjoni*** algoritmika ***fuq il-post tax-xogħol għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni tas-saħħa u s-sikurezza u monitoraġġ kontinwu; iħeġġeġ lill-Istati Membri, f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali, jiżviluppaw gwida speċifika għas-settur dwar l-użu responsabbli tal-IA fuq il-post tax-xogħol u jiskambjaw l-aħjar prattiki***;	10. ***Ifakkar li l-qafas legali Ewropew, b'mod partikolari d-Direttiva Qafas dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, l-Att dwar l-IA u d-Direttiva dwar ix-Xogħol fuq il-Pjattaformi, diġà jsegwu approċċ ibbażat fuq ir-riskju; jistieden lill-Istati Membri jużaw dan il-qafas legali eżistenti biex jindirizzaw*** ir-riskji ***msemmija hawn fuq għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol assoċjati mal-ġestjoni*** algoritmika;

Or. en

Emenda 167
Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jissottolinja l-fatt li dawk ir-riskji għandhom jiġu indirizzati b'mod komprensiv u li kwalunkwe varar ġdid jew bidla sinifikanti tal-għodod tal-IA jew tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni tas-saħħa u s-sikurezza u monitoraġġ kontinwu; iħeġġeġ lill-Istati Membri, f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali, jiżviluppaw gwida speċifika għas-settur dwar l-użu responsabbli tal-IA fuq il-post tax-xogħol u jiskambjaw l-aħjar prattiki;	10. Jissottolinja l-fatt li dawk ir-riskji għandhom jiġu indirizzati b'mod komprensiv***, responsabbli u li jagħti kont*** u li kwalunkwe varar ġdid jew bidla sinifikanti tal-għodod tal-IA jew tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni tas-saħħa u s-sikurezza u monitoraġġ kontinwu; iħeġġeġ lill-Istati Membri, f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali, jiżviluppaw gwida speċifika għas-settur dwar l-użu responsabbli tal-IA fuq il-post tax-xogħol u jiskambjaw l-aħjar prattiki;

Or. en

Emenda 168
Kim Van Sparrentak

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jissottolinja l-fatt li dawk ir-riskji għandhom jiġu indirizzati b'mod komprensiv u li kwalunkwe varar ġdid jew bidla sinifikanti tal-għodod tal-IA jew tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni tas-saħħa u s-sikurezza u monitoraġġ kontinwu; iħeġġeġ lill-Istati Membri, f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali, jiżviluppaw gwida ***speċifika għas-settur*** dwar l-użu responsabbli tal-IA fuq il-post tax-xogħol u jiskambjaw l-aħjar prattiki;	10. Jissottolinja l-fatt li dawk ir-riskji għandhom jiġu indirizzati b'mod komprensiv u li kwalunkwe varar ġdid jew bidla sinifikanti tal-għodod tal-IA jew tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni tas-saħħa u s-sikurezza u monitoraġġ kontinwu; iħeġġeġ lill-Istati Membri, f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali, jiżviluppaw ***negozjar kollettiv speċifiku għas-settur għal*** gwida dwar l-użu responsabbli tal-IA fuq il-post tax-xogħol u jiskambjaw l-aħjar prattiki;

Or. en

Emenda 169
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jissottolinja ***l-fatt li*** dawk ir-riskji ***għandhom*** jiġu indirizzati b'mod komprensiv u li kwalunkwe varar ġdid jew bidla sinifikanti tal-għodod tal-IA jew tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni tas-saħħa u s-sikurezza u monitoraġġ kontinwu; iħeġġeġ lill-Istati Membri, f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali, jiżviluppaw gwida speċifika għas-settur dwar l-użu responsabbli tal-IA fuq il-post tax-xogħol u jiskambjaw l-aħjar prattiki;	10. Jissottolinja ***l-ħtieġa li*** dawk ir-riskji jiġu ***mmonitorjati u indirizzati*** b'mod komprensiv u li kwalunkwe varar ġdid jew bidla sinifikanti tal-għodod tal-IA jew tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni tas-saħħa u s-sikurezza u monitoraġġ kontinwu***;*** iħeġġeġ lill-Istati Membri, f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali, jiżviluppaw gwida speċifika għas-settur dwar l-użu responsabbli tal-IA fuq il-post tax-xogħol u jiskambjaw l-aħjar prattiki;

Or. en

Emenda 170
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jissottolinja r-rwol kruċjali tad-djalogu soċjali u l-involviment attiv tar-rappreżentanti ***tal-impjegati*** fil-varar tal-IA u t-teknoloġiji tal-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol; jisħaq li l-parteċipazzjoni sinifikattiva tal-ħaddiema fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet kif ukoll l-għoti ta' informazzjoni ***u t-taħriġ*** fuq il-post tax-xogħol jgħinu biex jiġi żgurat li l-ħaddiema jifhmu t-teknoloġiji ġodda u jinvolvu ruħhom b'mod kunfidenti fihom, filwaqt li jrawmu sens ta' awtonomija u fiduċja u jwasslu għal integrazzjoni aħjar tal-IA fuq il-post tax-xogħol;	11. Jissottolinja r-rwol kruċjali tad-djalogu soċjali u l-involviment attiv tar-rappreżentanti ***tal-ħaddiema*** fil-varar tal-IA u t-teknoloġiji tal-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol; jisħaq li l-parteċipazzjoni sinifikattiva tal-ħaddiema***, tar-rappreżentanti tal-ħaddiema u tat-trade unions*** fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet kif ukoll l-għoti ta' informazzjoni ***u l-konsultazzjoni dwar it-taħriġ*** fuq il-post tax-xogħol jgħinu biex jiġi żgurat li l-ħaddiema jifhmu t-teknoloġiji ġodda u jinvolvu ruħhom b'mod kunfidenti fihom, filwaqt li jrawmu sens ta' awtonomija u fiduċja u jwasslu għal integrazzjoni aħjar tal-IA fuq il-post tax-xogħol; ***jisħaq li għandha tiġi prevista l-kodeterminazzjoni tal-ħaddiema u tar-rappreżentanti tal-ħaddiema u tal-impjegaturi dwar l-introduzzjoni tal-IA u tat-teknoloġiji tal-ġestjoni algoritmika jew bidliet sinifikanti fil-varar tagħhom;***

Or. en

Emenda 171
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jissottolinja r-rwol kruċjali tad-djalogu soċjali u l-involviment attiv tar-rappreżentanti ***tal-impjegati*** fil-varar tal-IA u t-teknoloġiji tal-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol; jisħaq li l-parteċipazzjoni sinifikattiva tal-ħaddiema fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet kif ukoll l-għoti ta' informazzjoni u ***t-taħriġ*** fuq il-post tax-xogħol ***jgħinu biex jiġi żgurat li l-ħaddiema jifhmu t-teknoloġiji*** ġodda ***u jinvolvu ruħhom b'mod kunfidenti fihom***, ***filwaqt li jrawmu sens ta' awtonomija u fiduċja u jwasslu għal*** integrazzjoni ***aħjar*** tal-IA fuq il-post tax-xogħol;	11. Jissottolinja r-rwol kruċjali tad-djalogu soċjali u l-involviment attiv ***tal-ħaddiema u*** tar-rappreżentanti ***tagħhom*** fil-varar tal-IA u t-teknoloġiji tal-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol; jisħaq li l-parteċipazzjoni sinifikattiva tal-ħaddiema ***u tar-rappreżentanti tagħhom*** fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet kif ukoll l-għoti ta' informazzjoni u ***l-konsultazzjoni dwar it-taħriġ*** fuq il-post tax-xogħol ***tgħin biex jiġu mmitigati r-riskji ta' dawn it-teknoloġiji*** ġodda, ***li jippermetti*** integrazzjoni ***effettiva u ċċentrata fuq il-bniedem*** tal-IA fuq il-post tax-xogħol;

Or. en

Emenda 172
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jissottolinja r-rwol kruċjali tad-djalogu soċjali u l-involviment attiv tar-rappreżentanti ***tal-impjegati*** fil-varar tal-IA u t-teknoloġiji tal-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol; jisħaq li l-parteċipazzjoni sinifikattiva tal-ħaddiema fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet kif ukoll l-għoti ta' informazzjoni u t-taħriġ fuq il-post tax-xogħol jgħinu biex jiġi żgurat li l-ħaddiema jifhmu t-teknoloġiji ġodda u jinvolvu ruħhom b'mod kunfidenti fihom, filwaqt li jrawmu sens ta' awtonomija u fiduċja u jwasslu għal integrazzjoni aħjar tal-IA fuq il-post tax-xogħol;	11. Jissottolinja r-rwol kruċjali tad-djalogu soċjali***, in-negozjar kollettiv*** u l-involviment attiv tar-rappreżentanti ***tas-sħab soċjali u tal-ħaddiema*** fil-varar tal-IA u t-teknoloġiji tal-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol ***b'mod partikolari biex jiġi adattat l-użu f'setturi differenti***; jisħaq li l-parteċipazzjoni sinifikattiva tal-ħaddiema fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet kif ukoll l-għoti ta' informazzjoni u t-taħriġ fuq il-post tax-xogħol jgħinu biex jiġi żgurat li l-ħaddiema jifhmu t-teknoloġiji ġodda u jinvolvu ruħhom b'mod kunfidenti fihom, filwaqt li jrawmu sens ta' awtonomija u fiduċja u jwasslu għal integrazzjoni aħjar tal-IA fuq il-post tax-xogħol;

Or. en

Emenda 173
Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jistieden lill-Istati Membri u lill-impjegaturi jirrikonoxxu u jimplimentaw b'mod effettiv id-dritt għall-iskonnessjoni bħala salvagwardja fundamentali biex jipproteġu lill-ħaddiema milli jkunu aċċessibbli jew immonitorjati b'mod permanenti barra mill-ħinijiet tax-xogħol miftiehma;	16. Jistieden lill-Istati Membri u lill-impjegaturi jirrikonoxxu u jimplimentaw b'mod effettiv id-dritt għall-iskonnessjoni bħala salvagwardja fundamentali biex jipproteġu lill-ħaddiema milli jkunu aċċessibbli jew immonitorjati b'mod permanenti barra mill-ħinijiet tax-xogħol miftiehma***, f'konformità mas-sigħat tax-xogħol massimi stabbiliti skont id-Direttiva 2003/88/KE dwar il-ħin tax-xogħol***;

Or. en

Emenda 212
Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jistieden lill-Istati Membri u lill-impjegaturi jirrikonoxxu u jimplimentaw b'mod effettiv id-dritt għall-iskonnessjoni bħala salvagwardja fundamentali biex jipproteġu lill-ħaddiema milli jkunu aċċessibbli jew immonitorjati b'mod permanenti barra mill-ħinijiet tax-xogħol miftiehma;	16. Jistieden lill-Istati Membri u lill-impjegaturi jirrikonoxxu u jimplimentaw b'mod effettiv id-dritt għall-iskonnessjoni bħala salvagwardja fundamentali biex jipproteġu lill-ħaddiema milli jkunu aċċessibbli jew immonitorjati b'mod permanenti ***u ta' ħsara, u b'mod inġust*** barra mill-ħinijiet tax-xogħol miftiehma;

Or. en

Emenda 213
Henrik Dahl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jissottolinja l-fatt li l-użu dejjem	17. Jissottolinja l-fatt li l-użu dejjem

akbar tal-IA u l-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol iqajjem ***għadd kbir ta' sfidi li jikkonċernaw*** il-protezzjoni tad-data personali u l-privatezza tal-impjegati, li jirrikjedu kunsiderazzjoni bir-reqqa u ***reazzjonijiet regolatorji*** xierqa;	akbar tal-IA u l-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol iqajjem ***tħassib dwar*** il-protezzjoni tad-data personali u l-privatezza tal-impjegati, li jirrikjedu kunsiderazzjoni bir-reqqa u ***l-applikazzjoni tal-qafas legali*** xierqa; ***jinnota b'mod partikolari li l-GDPR jillimita b'mod effettiv il-ġbir, l-ipproċessar u l-ħżin ta' data personali relatata mal-impjegati għal dak li huwa assolutament meħtieġ biss u fl-istess ħin jipprevjeni kemm sorveljanza sproporzjonata kif ukoll bla bżonn fuq il-post tax-xogħol u ksur ieħor tal-privatezza tal-impjegati, indipendentement minn jekk sistema tal-IA tintużax fuq post tax-xogħol jew le;***

Or. en

Emenda 214
Andrea Wechsler, Angelika Winzig, Letizia Moratti, Giusi Princi, Raúl de la Hoz Quintano, Miriam Lexmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. ***Jissottolinja l-fatt*** li l-użu dejjem akbar tal-IA u l-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol ***iqajjem għadd kbir ta'*** sfidi li jikkonċernaw il-protezzjoni tad-data personali u l-privatezza tal-impjegati***, li jirrikjedu kunsiderazzjoni bir-reqqa u reazzjonijiet regolatorji xierqa***;	17. ***Jirrikonoxxi*** li l-użu dejjem akbar tal-IA u l-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol ***jista' jqajjem*** sfidi li jikkonċernaw il-protezzjoni tad-data personali u l-privatezza tal-impjegati***; jistieden għalhekk lill-Istati Membri jimplimentaw l-oqfsa legali Ewropej u nazzjonali eżistenti u, b'mod partikolari, jużaw ir-regoli stabbiliti fil-GDPR dwar it-teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzat, l-obbligi ta' trasparenza u l-ipproċessar tad-data bħala bażi biex jiġi indirizzat l-użu ta' sistemi ta' ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol***;

Or. en

Emenda 215
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jissottolinja l-fatt li l-użu dejjem akbar tal-IA u l-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol iqajjem għadd kbir ta' sfidi li jikkonċernaw il-protezzjoni tad-data personali u l-privatezza tal-impjegati, li jirrikjedu kunsiderazzjoni bir-reqqa u reazzjonijiet regolatorji xierqa;	17. Jissottolinja l-fatt li l-użu dejjem akbar tal-IA u l-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol iqajjem għadd kbir ta' sfidi li jikkonċernaw il-protezzjoni tad-data personali u l-privatezza tal-impjegati ***u d-deterjorament tal-kundizzjonijiet tax-xogħol***, li jirrikjedu kunsiderazzjoni bir-reqqa u reazzjonijiet regolatorji xierqa; ***huwa tal-fehma li huwa meħtieġ rispons fil-livell tal-UE sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-ħaddiema madwar l-Unjoni u kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern;***

Or. en

Emenda 216
Leila Chaibi, Anthony Smith, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jissottolinja l-fatt li l-użu dejjem akbar tal-IA u l-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol iqajjem għadd kbir ta' sfidi li jikkonċernaw il-protezzjoni tad-data personali u l-privatezza ***tal-impjegati***, li jirrikjedu kunsiderazzjoni bir-reqqa u reazzjonijiet regolatorji xierqa;	17. Jissottolinja l-fatt li l-użu dejjem akbar tal-IA u l-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol iqajjem għadd kbir ta' sfidi li jikkonċernaw il-protezzjoni tad-data personali ***u kollettiva*** u l-privatezza ***tal-persuni li jwettqu xogħol***, li jirrikjedu kunsiderazzjoni bir-reqqa u reazzjonijiet regolatorji xierqa ***fil-livell Ewropew, sabiex tiġi pprovduta soluzzjoni armonizzata fl-Unjoni kollha***;

Or. en

Emenda 217
Arba Kokalari, Jörgen Warborn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jissottolinja l-fatt li l-użu dejjem akbar tal-IA u l-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol ***iqajjem għadd kbir ta' sfidi li jikkonċernaw il-protezzjoni tad-data*** personali ***u l-privatezza tal-impjegati, li jirrikjedu kunsiderazzjoni bir-reqqa u reazzjonijiet regolatorji xierqa***;	17. Jissottolinja l-fatt li l-użu dejjem akbar tal-IA u l-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol ***jissottolinja l-importanza li jiġu protetti d-data*** personali ***u l-integrità tal-impjegatur***;

Or. en

Emenda 218
Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jissottolinja l-fatt li l-użu dejjem akbar tal-IA u l-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol iqajjem għadd kbir ta' sfidi li jikkonċernaw il-protezzjoni tad-data personali u l-privatezza tal-impjegati, li jirrikjedu kunsiderazzjoni bir-reqqa u reazzjonijiet regolatorji xierqa;	17. Jissottolinja l-fatt li l-użu dejjem akbar tal-IA u l-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol iqajjem għadd kbir ta' sfidi li jikkonċernaw il-protezzjoni tad-data personali u l-privatezza tal-impjegati, li jirrikjedu kunsiderazzjoni bir-reqqa u reazzjonijiet regolatorji xierqa ***u salvagwardji effettivi***;

Or. en

Emenda 219
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jissottolinja l-fatt li l-użu dejjem akbar tal-IA u l-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol iqajjem għadd kbir ta' sfidi li jikkonċernaw il-protezzjoni tad-data personali u l-privatezza ***tal-impjegati***, li jirrikjedu kunsiderazzjoni bir-reqqa u reazzjonijiet regolatorji xierqa;	17. Jissottolinja l-fatt li l-użu dejjem akbar tal-IA u l-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol iqajjem għadd kbir ta' sfidi li jikkonċernaw il-protezzjoni tad-data personali u l-privatezza ***tal-ħaddiema***, li jirrikjedu kunsiderazzjoni bir-reqqa u reazzjonijiet regolatorji xierqa;

Or. en

Emenda 220
Miriam Lexmann, Christian Ehler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jissottolinja l-fatt li l-użu dejjem akbar tal-IA u l-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol iqajjem għadd kbir ta' sfidi li jikkonċernaw il-protezzjoni tad-data personali u l-privatezza tal-impjegati, li jirrikjedu ***kunsiderazzjoni bir-reqqa u reazzjonijiet regolatorji xierqa***;	17. Jissottolinja l-fatt li l-użu dejjem akbar tal-IA u l-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol iqajjem għadd kbir ta' sfidi li jikkonċernaw il-protezzjoni tad-data personali u l-privatezza tal-impjegati, li jirrikjedu ***implimentazzjoni effiċjenti tal-leġiżlazzjoni rilevanti kollha***;

Or. en

Emenda 221
Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Filwaqt li jirrikonoxxi li mudelli lingwistiċi kbar qed isiru dejjem aktar importanti fl-industriji kollha minħabba r-rwol tagħhom fl-awtomatizzazzjoni u t-titjib tal-effiċjenza, jitlob appoġġ ta' finanzjament mill-UE għal mudelli iżgħar

tal-IA biex titħeġġeġ id-diversità, tittejjeb l-effiċjenza enerġetika u tissaħħaħ is-sovranità teknoloġika lil hinn minn dawn il-mudelli kbar;

Or. en

Emenda 222
Leila Chaibi, Anthony Smith, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jissottolinja li d-data personali tal-persuni li jwettqu xogħol tista' tiġi aggregata f'bażi ta' data kollettiva li tista' tiġi pproċessata minn algoritmi, u għalhekk tirrikjedi protezzjoni tad-data fil-livell kollettiv ukoll;

Or. en

Emenda 223
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jirrikonoxxi li l-kumpaniji, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), diġà qed jiffaċċjaw sfidi sinifikanti biex jinnavigaw ambjent regolatorju dejjem aktar kumpless; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li kwalunkwe leġiżlazzjoni futura relatata mal-ġestjoni algoritmika ***titfassal bl-objettiv ċar ta' simplifikazzjoni u faċilità*** ta' konformità; jenfasizza l-ħtieġa ***ta'*** gwida, għodod u mekkaniżmi ta' appoġġ imfassla apposta biex jgħinu lill-SMEs jifhmu u jimplimentaw rekwiżiti ġodda	18. Jirrikonoxxi li l-kumpaniji, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), diġà qed jiffaċċjaw sfidi sinifikanti biex jinnavigaw ambjent regolatorju dejjem aktar kumpless; ***jirrikonoxxi wkoll li n-nuqqas ta' qafas regolatorju ċar u approċċ frammentat madwar l-Istati Membri jistgħu jżidu wkoll il-kumplessità u l-ispejjeż ta' konformità għall-kumpaniji;*** jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li kwalunkwe leġiżlazzjoni futura relatata ***mal-intelliġenza artifiċjali u*** mal-ġestjoni

b'mod effettiv;	algoritmika ***fuq il-post tax-xogħol tevita d-duplikazzjoni jew is-sovrappożizzjoni ma' strumenti tal-UE rilevanti eżistenti u tiżgura l-faċilità*** ta' konformità ***filwaqt li tissalvagwardja protezzjoni adegwata tal-ħaddiema;*** jenfasizza l-ħtieġa ***li l-Istati Membri jipprovdu*** gwida, għodod u mekkaniżmi ta' appoġġ imfassla apposta biex jgħinu lill-SMEs jifhmu u jimplimentaw rekwiżiti ġodda b'mod effettiv;

Or. en

Emenda 224
Arba Kokalari, Jörgen Warborn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jirrikonoxxi li l-kumpaniji, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), diġà qed jiffaċċjaw sfidi sinifikanti biex jinnavigaw ambjent regolatorju dejjem aktar kumpless; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li kwalunkwe leġiżlazzjoni futura relatata mal-ġestjoni algoritmika titfassal bl-objettiv ċar ta' simplifikazzjoni u faċilità ta' konformità; jenfasizza l-ħtieġa ta' gwida, għodod u mekkaniżmi ta' appoġġ imfassla apposta biex jgħinu lill-SMEs jifhmu u jimplimentaw rekwiżiti ġodda b'mod effettiv;	18. Jirrikonoxxi li l-kumpaniji, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), diġà qed jiffaċċjaw sfidi sinifikanti biex jinnavigaw ambjent regolatorju dejjem aktar kumpless; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li kwalunkwe leġiżlazzjoni ***u inizjattiva*** futura relatata mal-ġestjoni algoritmika ***u mal-IA, inkluż fil-proċeduri attwali għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE,*** titfassal bl-objettiv ċar ta' simplifikazzjoni u faċilità ta' konformità; jenfasizza l-ħtieġa ta' gwida, għodod u mekkaniżmi ta' appoġġ imfassla apposta biex jgħinu lill-SMEs jifhmu u jimplimentaw rekwiżiti ġodda b'mod effettiv; ***jisħaq li l-qafas legali komprensiv marbut mal-aġenda diġitali u l-IA b'mod partikolari għandu jevita obbligi u rekwiżiti duplikati;***

Or. en

Emenda 225
Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jirrikonoxxi li l-kumpaniji, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), diġà qed jiffaċċjaw sfidi sinifikanti biex jinnavigaw ambjent regolatorju dejjem aktar kumpless; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li kwalunkwe leġiżlazzjoni futura relatata mal-ġestjoni algoritmika titfassal bl-objettiv ċar ta' simplifikazzjoni u faċilità ta' konformità; jenfasizza l-ħtieġa ta' gwida, għodod u mekkaniżmi ta' appoġġ imfassla apposta biex jgħinu lill-SMEs jifhmu u jimplimentaw rekwiżiti ġodda b'mod effettiv;	18. Jirrikonoxxi li l-kumpaniji, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) ***kif ukoll dawk li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati, b'mod partikolari l-artisti***, diġà qed jiffaċċjaw sfidi sinifikanti biex jinnavigaw ambjent regolatorju dejjem aktar kumpless ***kif ukoll il-livell dejjem jikber ta' ambjenti u għażliet industrijali mhux regolati***; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li kwalunkwe leġiżlazzjoni futura relatata mal-ġestjoni algoritmika titfassal bl-objettiv ċar ta' simplifikazzjoni u faċilità ta' konformità ***kif ukoll trasparenza***; jenfasizza l-ħtieġa ta' gwida, għodod u mekkaniżmi ta' appoġġ imfassla apposta biex jgħinu lill-SMEs ***kif ukoll lil persuni li jaħdmu għal rashom*** jifhmu u jimplimentaw rekwiżiti ġodda b'mod effettiv;

Or. en

Emenda 226
Liesbet Sommen, Andrzej Buła

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jirrikonoxxi li l-kumpaniji, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), diġà qed jiffaċċjaw sfidi sinifikanti biex jinnavigaw ambjent regolatorju dejjem aktar kumpless; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li kwalunkwe leġiżlazzjoni futura relatata mal-ġestjoni algoritmika titfassal bl-	18. Jirrikonoxxi li l-kumpaniji, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), diġà qed jiffaċċjaw sfidi sinifikanti biex jinnavigaw ambjent regolatorju dejjem aktar kumpless; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li kwalunkwe leġiżlazzjoni futura relatata mal-ġestjoni algoritmika titfassal bl-

objettiv ċar ta’ simplifikazzjoni u faċilità ta’ konformità; jenfasizza l-ħtieġa ta’ gwida, għodod u mekkaniżmi ta’ appoġġ imfassla apposta biex jgħinu lill-SMEs jifhmu u jimplimentaw rekwiżiti ġodda b’mod effettiv;	objettiv ċar ta’ simplifikazzjoni u faċilità ta’ konformità, ***mingħajr ma jitnaqqsu d-drittijiet u l-protezzjoni għall-ħaddiema u tiġi evitata d-duplikazzjoni mal-leġiżlazzjoni eżistenti u futura tal-UE;*** jenfasizza l-ħtieġa ta’ gwida, għodod u mekkaniżmi ta’ appoġġ imfassla apposta biex jgħinu lill-SMEs jifhmu u jimplimentaw rekwiżiti ġodda b’mod effettiv;

Or. en

Emenda 227
Miriam Lexmann, Christian Ehler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jirrikonoxxi li l-kumpaniji, b’mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju (SMEs), diġà qed jiffaċċjaw sfidi sinifikanti biex jinnavigaw ambjent regolatorju dejjem aktar kumpless; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li kwalunkwe leġiżlazzjoni futura ***relatata mal-ġestjoni algoritmika titfassal bl-objettiv ċar ta’*** simplifikazzjoni ***u faċilità ta’ konformità; jenfasizza l-ħtieġa ta’ gwida, għodod u mekkaniżmi ta’ appoġġ imfassla apposta biex jgħinu lill-SMEs jifhmu u jimplimentaw rekwiżiti ġodda b’mod effettiv***;	18. Jirrikonoxxi li l-kumpaniji, b’mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju (SMEs), diġà qed jiffaċċjaw sfidi sinifikanti biex jinnavigaw ambjent regolatorju dejjem aktar kumpless; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li kwalunkwe leġiżlazzjoni futura ***potenzjali tgħaddi mit-test obbligatorju tal-kompetittività u tkun konformi mal-objettivi ta’*** simplifikazzjoni;

Or. en

Emenda 228
Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jirrikonoxxi li l-kumpaniji, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), diġà qed jiffaċċjaw sfidi sinifikanti biex jinnavigaw ambjent regolatorju dejjem aktar kumpless; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li kwalunkwe leġiżlazzjoni futura relatata mal-ġestjoni algoritmika titfassal bl-objettiv ċar ta' simplifikazzjoni u faċilità ta' konformità; jenfasizza ***l-ħtieġa ta' gwida, għodod u mekkaniżmi ta' appoġġ imfassla apposta biex jgħinu lill-SMEs jifhmu u jimplimentaw rekwiżiti ġodda b'mod effettiv***;	18. Jirrikonoxxi li l-kumpaniji, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), diġà qed jiffaċċjaw sfidi sinifikanti biex jinnavigaw ambjent regolatorju dejjem aktar kumpless; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li kwalunkwe leġiżlazzjoni futura relatata mal-ġestjoni algoritmika titfassal bl-objettiv ċar ta' simplifikazzjoni u faċilità ta' konformità; jenfasizza ***li kwalunkwe rekwiżit ġdid għandu jitfassal biex jiġi evitat piż amministrattiv addizzjonali għall-SMEs u li l-gwida u l-appoġġ għandhom ikunu proporzjonati, prattiċi u volontarji fin-natura tagħhom, filwaqt li jirriflettu r-realtajiet tan-negozji madwar l-Unjoni***;
	Or. en

Emenda 229
Sérgio Humberto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jirrikonoxxi li l-kumpaniji, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), diġà qed jiffaċċjaw sfidi sinifikanti biex jinnavigaw ambjent regolatorju dejjem aktar kumpless; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li kwalunkwe leġiżlazzjoni futura ***relatata mal-ġestjoni*** algoritmika titfassal bl-objettiv ċar ta' simplifikazzjoni u faċilità ta' konformità***; jenfasizza l-ħtieġa ta'*** gwida, ***għodod u mekkaniżmi ta' appoġġ imfassla apposta biex jgħinu lill-SMEs jifhmu u jimplimentaw rekwiżiti ġodda b'mod effettiv***;	18. Jirrikonoxxi li l-kumpaniji, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), diġà qed jiffaċċjaw sfidi sinifikanti biex jinnavigaw ambjent regolatorju dejjem aktar kumpless; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li kwalunkwe leġiżlazzjoni futura ***marbuta mal-ġestjoni*** algoritmika titfassal bl-objettiv ċar ta' simplifikazzjoni, ***proporzjonalità*** u faċilità ta' konformità ***billi tipprovdi, meta jkun possibbli, mudelli volontarji ta' kodiċijiet ta' kondotta settorjali, kif ukoll għodod diġitali prattiċi u*** gwida ***speċifika għall-SMEs, bil-għan li tiġi appoġġjata l-adozzjoni sikura, responsabbli u***

	ekonomikament vijabbli tal-IA fuq il-post tax-xogħol;

Or. pt

Emenda 230
Raúl de la Hoz Quintano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jirrikonoxxi li l-kumpaniji, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), diġà qed jiffaċċjaw sfidi sinifikanti biex jinnavigaw ambjent regolatorju dejjem aktar kumpless; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura ***li kwalunkwe leġiżlazzjoni futura relatata mal-ġestjoni algoritmika titfassal bl-objettiv ċar ta' simplifikazzjoni u faċilità ta' konformità; jenfasizza l-ħtieġa ta' gwida, għodod u mekkaniżmi ta'*** appoġġ ***imfassla apposta biex jgħinu lill-SMEs jifhmu u jimplimentaw rekwiżiti ġodda b'mod effettiv***;	18. Jirrikonoxxi li l-kumpaniji, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), diġà qed jiffaċċjaw sfidi sinifikanti biex jinnavigaw ambjent regolatorju dejjem aktar kumpless; ***jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat ambjent regolatorju prevedibbli li jrawwem l-innovazzjoni u l-kompetittività fl-Ewropa;*** jistieden lill-Kummissjoni tiżgura appoġġ ***effettiv għan-negozji u tagħti prijorità lit-titjib tal-kompetittività tagħhom, filwaqt li tevita l-introduzzjoni ta' regolamenti mhux meħtieġa li jistgħu jpoġġu piżijiet addizzjonali u jfixklu t-tkabbir tagħhom***;

Or. en

Emenda 231
Marc Angel, Nora Mebarek, Vilija Blinkevičiūtė, Alicia Homs Ginel, Isilda Gomes, Gabriele Bischoff, Evelyn Regner, Idoia Mendia, Marianne Vind, Alex Agius Saliba, Romana Jerković, Estelle Ceulemans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jirrikonoxxi li ***l-kumpaniji***, b'mod partikolari ***l-intrapriżi*** żgħar u ta' daqs medju (SMEs), ***diġà*** qed jiffaċċjaw sfidi ***sinifikanti*** biex jinnavigaw ***ambjent***	18. Jirrikonoxxi li ***xi kumpaniji***, b'mod partikolari ***xi intrapriżi*** żgħar u ta' daqs medju (SMEs), qed jiffaċċjaw sfidi biex jinnavigaw ***ambjenti regolatorji diverġenti***

regolatorju dejjem aktar kumpless; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li kwalunkwe leġiżlazzjoni futura relatata mal-ġestjoni algoritmika titfassal ***bl-objettiv ċar ta' simplifikazzjoni u faċilità ta' konformità***; jenfasizza l-ħtieġa ta' gwida, għodod u mekkaniżmi ta' appoġġ imfassla apposta biex jgħinu lill-SMEs jifhmu u jimplimentaw rekwiżiti ġodda b'mod effettiv;	***fl-Istati Membri kollha***; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li kwalunkwe leġiżlazzjoni futura relatata mal-ġestjoni algoritmika titfassal ***bl-objettivi ċari ta' armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni u l-iffaċilitar tal-konformità u l-infurzar***; jenfasizza l-ħtieġa ta' gwida, għodod u mekkaniżmi ta' appoġġ imfassla apposta biex jgħinu lill-SMEs jifhmu u jimplimentaw rekwiżiti ġodda b'mod effettiv;

Or. en

Emenda 232
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jirrikonoxxi li l-kumpaniji, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), diġà qed jiffaċċjaw sfidi sinifikanti biex jinnavigaw ambjent regolatorju dejjem aktar kumpless; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li kwalunkwe leġiżlazzjoni futura relatata mal-ġestjoni algoritmika titfassal bl-objettiv ċar ta' simplifikazzjoni u faċilità ta' konformità; jenfasizza l-ħtieġa ta' gwida, għodod u mekkaniżmi ta' appoġġ imfassla apposta biex jgħinu lill-SMEs jifhmu u jimplimentaw rekwiżiti ġodda b'mod effettiv;	18. Jirrikonoxxi li l-kumpaniji, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), diġà qed jiffaċċjaw sfidi sinifikanti biex jinnavigaw ambjent regolatorju dejjem aktar kumpless; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li kwalunkwe leġiżlazzjoni futura relatata mal-ġestjoni algoritmika titfassal bl-objettiv ċar ta' simplifikazzjoni***, prevedibbiltà*** u faċilità ta' konformità; jenfasizza l-ħtieġa ta' gwida, għodod u mekkaniżmi ta' appoġġ imfassla apposta biex jgħinu lill-SMEs jifhmu u jimplimentaw rekwiżiti ġodda b'mod effettiv;

Or. en

Emenda 233
Leila Chaibi, Anthony Smith, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jirrikonoxxi li l-kumpaniji, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), ***diġà qed*** jiffaċċjaw sfidi ***sinifikanti*** biex jinnavigaw ambjent regolatorju ***dejjem aktar*** kumpless; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li kwalunkwe leġiżlazzjoni futura relatata mal-ġestjoni algoritmika titfassal bl-objettiv ċar ta' ***simplifikazzjoni u*** faċilità ta' konformità; jenfasizza l-ħtieġa ta' gwida, għodod u mekkaniżmi ta' appoġġ imfassla apposta biex jgħinu lill-SMEs jifhmu u jimplimentaw rekwiżiti ġodda b'mod effettiv;	18. Jirrikonoxxi li l-kumpaniji, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), ***jistgħu*** jiffaċċjaw sfidi biex jinnavigaw ambjent regolatorju kumpless***, iżda li fl-istess ħin huwa meħtieġ***; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li kwalunkwe leġiżlazzjoni futura relatata mal-ġestjoni algoritmika titfassal bl-objettiv ċar ta' faċilità ta' konformità; jenfasizza l-ħtieġa ta' gwida, għodod u mekkaniżmi ta' appoġġ imfassla apposta biex jgħinu lill-SMEs jifhmu u jimplimentaw rekwiżiti ġodda b'mod effettiv ***u responsabbli***;

Or. en

Emenda 234
Arba Kokalari, Henrik Dahl, Jörgen Warborn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jenfasizza li l-leġiżlazzjoni futura kollha f'dan il-qasam jeħtieġ li jsirulha valutazzjonijiet tal-impatt bir-reqqa u studji ta' fattibbiltà, sabiex jiġi vvalutat kif din taffettwa n-negozji, speċjalment l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u tiġi evitata d-duplikazzjoni ma' leġiżlazzjoni diġà eżistenti; jissottolinja li l-għan huwa li jiġi żgurat li r-regolamentazzjoni futura tippromwovi l-innovazzjoni u l-kompetittività;

Or. en

Emenda 235
Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jisħaq li ladarba d-Direttiva (UE) 2024/2831 dwar it-titjib tal-kondizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi tkun daħlet fis-seħħ, il-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi se jgawdu minn livell ogħla ta' protezzjoni kontra r-riskji relatati mal-użu ta' sistemi ta' ġestjoni algoritmika; jissottolinja l-ħtieġa li jiġi żgurat trattament ugwali għall-ħaddiema kollha;

Or. en

Emenda 236
Arba Kokalari, Henrik Dahl, Jörgen Warborn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18b. Jirrikonoxxi li hemm ħtieġa sinifikanti li jiġi stimulat l-investiment fil-kapaċità, l-innovazzjoni u l-adozzjoni tal-IA tal-UE kif deskritt fil-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni "Boxxla għall-Kompetittività għall-UE" u "Pjan ta' Azzjoni għal Kontinent tal-IA" kif ukoll ir-"Rapport Draghi"; jinnota li prekundizzjoni hija ċ-ċertezza regolatorja u tnaqqis fl-ispejjeż ta' konformità u l-frammentazzjoni tas-suq; jenfasizza li r-riżultat tal-introduzzjoni ta' miżuri legali ġodda fi spazju regolatorju diġà ffullat ikun għad-detriment ta' dawn il-miri;

Or. en

Emenda 237
Arba Kokalari, Henrik Dahl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18c. Jirrikonoxxi li l-Anness III tal-Att dwar l-IA jiddefinixxi sistemi tal-IA b'riskju għoli użati fl-impjieg, fil-ġestjoni tal-ħaddiema u fl-aċċess għal impjieg indipendenti, inklużi sistemi tal-IA maħsuba biex jintużaw biex jittieħdu deċiżjonijiet li jaffettwaw it-termini tar-relazzjonijiet relatati max-xogħol, biex jiġu allokati kompiti bbażati fuq karatteristiċi personali u tiġi evalwata l-prestazzjoni, u li l-Artikolu 26 jirrikjedi li l-amministraturi tas-sistemi tal-IA jassenjaw sorveljanza mill-bniedem lill-persuni fiżiċi li għandhom il-kompetenza, it-taħriġ u l-awtorità meħtieġa, kif ukoll l-appoġġ meħtieġ, u jiżguraw trasparenza shiha mal-ħaddiema u mar-rappreżentanti tagħhom, inklużi rekwiżiti biex tiġi żvelata informazzjoni dwar l-użu tas-sistemi tal-IA;

Or. en

Emenda 238
Arba Kokalari, Henrik Dahl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18d. Jirrikonoxxi li l-Artikolu 22 tal-GDPR jagħti lill-individwi d-dritt "li ma jkunx soġġett għal deċiżjoni bbażata unikament fuq ipproċessar awtomatizzat, inkluż it-tfassil ta' profili, li jipproduċi effetti legali li jikkonċernaw lilu", u li dan

huwa wkoll il-każ, anke meta ma tintuża l-ebda data personali biex titwettaq din id-deċiżjoni;

Or. en

Emenda 239
Arba Kokalari, Henrik Dahl, Jörgen Warborn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18e. Jirrikonoxxi li d-Direttiva 2000/43/KE (id-Direttiva kontra r-Razziżmu), id-Direttiva 2000/78/KE ("id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza"), u d-Direttiva 2006/54/KE ("id-Direttiva dwar it-Trattament Ugwali") huma teknoloġikament newtrali, japplikaw għas-sistemi tal-IA, u jipprovdu protezzjoni regolatorja kontra prattiki diskriminatorji bbażati fuq algoritmi preġudikati;

Or. en

Emenda 240
Arba Kokalari, Henrik Dahl, Jörgen Warborn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18f. Jirrikonoxxi li l-ipproċessar tad-data użat għat-teħid ta' deċiżjonijiet mhux kompletament awtomatizzat huwa, fil-prerogattiva tal-impjegatur, soġġett għal rekwiżiti dwar l-individwalità u l-konkretezza, kunsiderazzjonijiet fattwali u operazzjonali, u jinkludi drittijiet għal rimedju – jiġifieri r-rekwiżiti stabbiliti għad-deċiżjonijiet meħuda mill-bnedmin;

jenfasizza l-ħtieġa li jiġu evitati rekwiżiti ġodda għal oqsma diġà regolati f'teknoloġiji ġodda biex titrawwem l-adozzjoni ta' teknoloġiji ġodda, jintlaħqu l-miri tal-UE u tiġi indikata l-prevedibbiltà lill-atturi tas-soċjetà u tas-suq;

Or. en

Emenda 241
Arba Kokalari, Henrik Dahl, Jörgen Warborn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18g (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18g. Jirrikonoxxi li d-Direttiva Qafas dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (89/391/KEE) tinkludi bir-reqqa obbligi fuq l-impjegatur biex jimplimenta miżuri biex jevita r-riskji, jevalwa r-riskji li ma jistgħux jiġu evitati, jiġġieled ir-riskji fis-sors, jadatta x-xogħol għall-individwu, jadatta għall-progress tekniku u jiżviluppa politika ta' prevenzjoni ġenerali koerenti li tkopri - fost affarijiet oħra - it-teknoloġija, l-organizzazzjoni tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, li dwarhom id-direttiva tirrikjedi li l-impjegaturi jikkonsultaw lill-ħaddiema u/jew lir-rappreżentanti tagħhom kif ukoll tagħti lill-ħaddiema u/jew lir-rappreżentanti tagħhom id-dritt li jagħmlu proposti, kif ukoll li jipprovdu taħriġ adegwat fil-każ tal-introduzzjoni ta' kwalunkwe teknoloġija ġdida;

Or. en

Emenda 242
Arba Kokalari, Jörgen Warborn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18h (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18h. Jirrikonoxxi li d-Direttiva dwar Apparat ta' Wiri fuq Skrin (90/270/KEE) tobbliga lill-impjegatur jivvaluta r-riskji, fost affarijiet oħra, ta' stress mentali, u tipprojbixxi x-xogħol fejn is-sistema tistabbilixxi pass, li mhuwiex adattat għall-ħaddiem;

Or. en

Emenda 243
Arba Kokalari, Henrik Dahl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18i (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18i. Jirrikonoxxi t-tħassib dwar it-trasparenza, l-informazzjoni u l-konsultazzjoni, l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' kontroll mill-bniedem kif ukoll prattiki diskriminatorji possibbli bbażati fuq algoritmi preġudikati u s-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema; jinnota b'fiduċja li l-applikazzjoni effettiva tal-GPDR, l-Att dwar l-IA, id-direttiva dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni, l-acquis eżistenti tal-UE dwar l-OSH kif ukoll il-Ftehim Qafas tas-Sħab Soċjali Ewropej tal-2020 dwar id-Diġitalizzazzjoni jissalvagwardjaw biżżejjed kontra tali tħassib;

Or. en

Emenda 244
Arba Kokalari, Henrik Dahl, Jörgen Warborn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jitlob li l-Kummissjoni tippreżenta, abbażi tal-Artikoli 153(2), il-punt (b), flimkien mal-Artikolu 153(1), il-punt (b), u l-Artikolu 16(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, proposta għal Direttiva dwar il-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol, skont ir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fl-Anness tagħha;	***imħassar***

Or. en

Emenda 245
Francesco Torselli, Chiara Gemma

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jitlob li l-Kummissjoni tippreżenta, abbażi tal-Artikoli 153(2), il-punt (b), flimkien mal-Artikolu 153(1), il-punt (b), u l-Artikolu 16(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, proposta għal Direttiva dwar il-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol, skont ir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fl-Anness tagħha;	***imħassar***

Or. en

Emenda 246
Andrea Wechsler, Angelika Winzig, Letizia Moratti, Giusi Princi, Raúl de la Hoz Quintano, Miriam Lexmann, Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jitlob li l-Kummissjoni tippreżenta, abbażi ***tal-Artikoli 153(2), il-punt (b), flimkien mal-Artikolu 153(1), il-punt (b), u l-Artikolu 16(2)*** tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, proposta għal ***Direttiva*** dwar il-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol***, skont ir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fl-Anness tagħha***;	19. Jitlob li l-Kummissjoni tippreżenta, abbażi ***tal-Artikolu 288*** tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, proposta għal ***rakkomandazzjoni tal-Kunsill*** dwar il-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol;

Or. en

Emenda 247
Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. ***Jitlob li l-Kummissjoni tippreżenta, abbażi tal-Artikoli 153(2), il-punt (b), flimkien mal-Artikolu 153(1), il-punt (b), u l-Artikolu 16(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,*** proposta għal Direttiva dwar il-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol, skont ir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fl-Anness tagħha;	19. Jistieden lill-Kummissjoni ***tivvaluta l-ħtieġa ta'*** proposta għal Direttiva dwar il-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol, skont ir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fl-Anness tagħha ***abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt, ikkomplementata minn Test tal-Kompetittività u tal-SMEs***;

Or. en

Emenda 248
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jitlob li l-Kummissjoni tippreżenta, abbażi tal-Artikoli 153(2), il-punt (b),	19. Jitlob li l-Kummissjoni tippreżenta, abbażi tal-Artikoli 153(2), il-punt (b),

flimkien mal-Artikolu 153(1), il-punt (b), u l-Artikolu 16(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, proposta għal Direttiva dwar ***il-ġestjoni*** algoritmika fuq il-post tax-xogħol, skont ir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fl-Anness tagħha;	flimkien mal-Artikolu 153(1), il-punt (b), u l-Artikolu 16(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, proposta għal Direttiva dwar ***l-intelliġenza artifiċjali u l-ġestjoni*** algoritmika fuq il-post tax-xogħol, skont ir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fl-Anness tagħha;

Or. en

Emenda 249
Miriam Lexmann, Christian Ehler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. ***Jitlob*** li ***l-Kummissjoni tippreżenta, abbażi tal-Artikoli 153(2), il-punt (b), flimkien mal-Artikolu 153(1), il-punt (b), u l-Artikolu 16(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, proposta għal Direttiva*** dwar il-ġestjoni algoritmika ***fuq il-post tax-xogħol, skont ir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fl-Anness tagħha***;	19. ***Jenfasizza*** li ***l-UE diġà adottat diversi atti leġiżlattivi*** dwar il-ġestjoni algoritmika***, li wħud minnhom għadhom ma ġewx implimentati bis-sħiħ; jirrikonoxxi, għalhekk, il-ħtieġa li jintuża bis-sħiħ il-potenzjal tal-qafas legali eżistenti u li jiġi evitat il-ħolqien ta' strumenti legali ġodda li jikkoinċidu***;

Or. en

Emenda 250
Miriam Lexmann, Christian Ehler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Iqis li kwalunkwe implikazzjoni finanzjarja tal-proposti mitluba għandha tkun koperta minn allokazzjonijiet baġitarji eżistenti;	***imħassar***

Or. en

Emenda 251
Arba Kokalari, Henrik Dahl, Jörgen Warborn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Iqis li ***kwalunkwe implikazzjoni finanzjarja tal-proposti mitluba għandha tkun koperta minn*** allokazzjonijiet baġitarji eżistenti;	20. Iqis li ***ma hemmx bżonn ta' proposti leġiżlattivi jew*** allokazzjonijiet baġitarji ġodda;

Or. en

Emenda 252
Sérgio Humberto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jistieden lill-Kummissjoni biex, fi żmien ħames snin mid-dħul fis-seħħ tad-direttiva futura, tivvaluta l-impatt tagħha fuq l-innovazzjoni, l-investiment fit-teknoloġiji diġitali u l-kompetittività globali tal-ekonomija Ewropea, bil-għan li tadatta, jekk ikun meħtieġ, ir-rekwiżiti tagħha għall-ambjent teknoloġiku u tax-xogħol li qed jinbidel;

Or. pt

Emenda 253
Henrik Dahl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jirrikonoxxi li l-ipproċessar tad-data użat għat-teħid ta' deċiżjonijiet mhux kompletament awtomatizzat huwa, fil-prerogattiva tal-impjegatur, soġġett għal rekwiżiti dwar l-individwalità u l-konkretezza, kunsiderazzjonijiet fattwali u operazzjonali, u jinkludi drittijiet għal rimedju – jiġifieri r-rekwiżiti stabbiliti għad-deċiżjonijiet meħuda mill-bnedmin; iqis li, l-evitar ta' rekwiżiti ġodda għal oqsma diġà regolati f'teknoloġiji ġodda huwa importanti biex titrawwem l-adozzjoni ta' teknoloġiji ġodda, jintlaħqu l-miri tal-UE u tiġi indikata l-prevedibbiltà lill-atturi tas-soċjetà u tas-suq;

Or. en

Emenda 254
Henrik Dahl, Arba Kokalari

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20b. Jirrikonoxxi li d-djalogu soċjali u l-awtonomija tas-sħab soċjali huma essenzjali biex jiġi żgurat użu responsabbli u b'suċċess ta' teknoloġiji ġodda fuq il-kumpaniji, u li għandha tkun preżenti flessibbiltà għas-sħab soċjali lokali biex ikunu jistgħu jfasslu soluzzjonijiet għall-ħtiġijiet u ċ-ċirkostanzi speċifiċi għall-impjegati u l-kumpaniji; jinnota l-vantaġġi tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni permezz ta' ftehimiet tas-sħab soċjali u l-ħidma estensiva li għaddejja fl-UE u fl-Istati Membri f'dan ir-rigward;

Or. en

Emenda 255
Henrik Dahl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20c. Jisħaq li objettiv kapitali tar-Regolament (UE) 2024/1689 (l-Att dwar l-IA) kien li jfixkel il-frammentazzjoni tas-suq, l-implimentazzjoni tad-direttiva nazzjonali, u jevita rekwiżiti doppji għall-utenti ta' teknoloġiji ġodda sabiex tiġi evitata l-kumplessità leġiżlattiva għall-kumpaniji fl-UE, u jisħaq ukoll li fl-UE hija meħtieġa implimentazzjoni effettiva u armonizzata tal-Att dwar l-IA bl-għan li tiġi appoġġjata l-adozzjoni tal-IA, u li regolamentazzjoni ġdida tirriskja li tiġġieled l-iskop tal-Att dwar l-IA;

Or. en

Emenda 256
Henrik Dahl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20d. Jitlob li l-Kummissjoni, lill-Istati Membri kif ukoll lis-sħab soċjali jiżguraw li l-qafas legali attwali jiġi applikat b'mod effettiv biex jippromwovi l-adozzjoni trasparenti, affidabbli u responsabbli tal-IA, kif ukoll jadottaw miżuri ta' appoġġ biex jaċċeleraw l-adozzjoni tal-IA, u b'mod partikolari jitlob li l-Kummissjoni tiżgura l-funzjonament tal-Uffiċċju tal-IA fil-koordinazzjoni tal-isforzi biex l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-att dwar l-IA ssir aktar faċli għall-kumpaniji b'mod ġenerali u għall-SMEs b'mod

partikolari;

Or. en

Emenda 257
Andrea Wechsler, Angelika Winzig, Letizia Moratti, Giusi Princi, Raúl de la Hoz Quintano, Miriam Lexmann, Henrik Dahl, Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni ***kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fl-anness*** lill-Kummissjoni u lill-Kunsill kif ukoll lill-parlamenti u lill-gvernijiet tal-Istati Membri.	21. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni u lill-Kunsill kif ukoll lill-parlamenti u lill-gvernijiet tal-Istati Membri.

Or. en